# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Ottubru, 2021**

**Numru 1**

**Rikors Numru 198/19 TA**

**George Degiorgio**

**vs**

**L-Avukat Ġenerali, il-Kummissarju tal-Pulizija u**

**l-Kap tas-Servizz tas-Sigurta` u b'digriet tas-16 ta' Ottubru 2019 ġew ammessi jintervjenu fil-kawża l-Avukat Peter Caruana Galizia u Matthew, Andrew u Paul aħwa Caruana Galizia**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' George Degiorgio (ir-rikorrent) tad-9 ta' Ottubru 2019 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. **"Introduzzjoni**

1.1. L-esponenti ser jibda billi jispjega l-fatti illi wasslu għall-preżentata ta' dan ir-rikors;

1.2. L-esponenti u ħuh Alfred Degiorgio ilhom arrestati min-nhar l-4 ta' Diċembru, 2017 u nhar il-5 ta' Diċembru, 2017 ġew imressqa flimkien ma' ċertu Vincent Muscat quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati

(Malta) Bħala Qorti Istruttorja akkużati b'diversi reati, fost liema, talli f'dawn il-Gżejjer nhar is-16 ta' Ottubru, 2017 wara nofs in-nhar u fix-xhur ta' qabel din id-data dolożament bil-ħsieb illi joqtlu lill-persuna u ċjoè lil Daphne Caruana Galizia jew li jqegħdu l-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunawlha l-mewt;

1.3. Wara li tressqu l-provi b'mod mill-aktar mgħaġġel fil-kumpilazzjoni illi saret fil-konfront tagħhom, l-Avukat Ġenerali, hawn intimat ippreżenta att ta' akkuża fil-Qorti Kriminali kontrihom;

1.4. Sa minn meta l-esponenti ġie arrestat, l-uffiċjali prosekuturi, b'mod partikolari l-Ispettur Keith Arnaud, ftaħru illi fil-pussess tagħhom għandhom interċettazzjonijiet telefoniċi ta' telefonati illi allegatament għamel l-esponenti u fl-istqarrijiet relattivi l-istess uffiċjali prosekuturi ftaħru ukoll illi kieku ma kienx għal tali interċettazzjonijiet kieku ma kenux jaslu għall-arresti ta' l-esponenti, ta' ħuh Alfred Degiorgio u ta' Vincent Muscat;

1.5. Hawn l-esponenti ser jagħmel referenza għal dak illi qalu l-uffiċjali prosekuturi f'kull waħda mill-istqarrijiet meħuda meta ġew arrestati l-esponenti, ħuh Alfred Degiorgio u Vincent Muscat:

Mill-istqarrija ta' l-esponenti George Degiorgio:

*Spettur Keith Arnuad:* […] *bir-ragun ghax intom forsi tafu illi ahna nisimghu l-calls jew ahna jew kollegi taghna insomma, alright. Allura ma ridtux illi nkunu nafu x'qed jigri u s'hemmhekk kien irnexxilkom sa certu punt. Pero' grazzi li spiccalek il-credit u kellek il-bzonn 'il xi hadd biex jixtrilek topup u jibghatlek it-topup voucher u filfatt ghandna l-call, nista insemmaghilek. Lilek titkellem mal-ewwel persuna Roman Gusman titolbu, titolbu credit, jixtrilek voucher ha nsemmghalek il-call George.*

*L-Ewwel Persuna:* *Hello?*
*It-Tieni Persuna:* *Nik jien ghamilli pjacir ibghatli five Euro Vodafone.*
*L-Ewwel Persuna:* *Eee(..)*

*Sorry dik l-ewwel, dik it-tieni wahda. Dak mhux Roman Gusman kien, sorry. Din l-ewwel wahda fid-disgha nieqes giex minuti.*

*L-Ewwel Persuna:* *Hello?*
*It-Tieni Persuna:* *Dan.*
*L-Ewwel Persuna:* *Aw.*

| | |
|---|---|
| *It-Tieni Persuna:* | *Ghamilli pjacir ittopjah five Euros Vodafone.* |
| *L-Ewwel Persuna:* | *Eh iva a minn fejn ha ngibilek, l-ghaq, hawn l-ghalqa qieghed jien, il-kacca.* |
| *It-Tieni Persuna:* | *Alright.* |
| *L-Ewwel Persuna:* | *Ta.* |
| *It-Tieni Persuna:* | *Dak kif.* |
| *L-Ewwel Persuna:* | *Gha, ghal kacca.* |
| *It-Tieni Persuna:* | *Ti kif, ti kif, ti, ti, tissellef two Euros?* |
| *L-Ewwel Persuna:* | *Em 16 tw, eh.* |
| *It-Tielet Persuna:* | *SOS* |
| *L-Ewwel Persuna:* | *SOS 16203 it-tnejn ixghelu, ixghelu.* |
| *It-Tieni Persuna:* | *X'inhu?* |
| *L-Ewwel Persuna:* | *U ehh SOS 16203* |
| *It-Tieni Persuna:* | *16203?* |
| *L-Ewwel Persuna:* | *I ija ghax.* |
| *It-Tieni Persuna:* | *Alright.* |
| *L-Ewwel Persuna:* | *Qed l-ghalqa jien.* |
| *It-Tieni Persuna:* | *Alright, alright, 16203 alright, caw, caw.* |
| *L-Ewwel Persuna:* | *Ija, ija.* |

*Dik kienet l-ewwel call Fred, George dak il-hin tkon fuq il-bahar u filfatt kont qieghed fl-akwati ta' Pembroke, tikkonferma dan? Din hija call li ghamilt inti minn mobile number 99623741. Ghalxiex ma stajtx tmur tixtriha inti l-credit, il-voucher xi, xi, x'kienet il-problema li am stajtx tmur tixtri top up voucher inti? Malta zghira ma nahsibx li kienet problema li kieku kont fuq l-art mhux hekk, mhux ser tigi bzonn in-nies. Fuq il-bahar problema imma, tidhol l-art ma stajtx George, dak kien l-izball li ghamilt. Provajt ma rnexxilekx kif qallek dan il-persuna u hawnhekk fejn iccempel lil Mikiel, Mikiel irrizulta li huwa Roman Gusman. Sorry ma…*

*Spettur Kurt Zahra:* *Miguel*

*Spettur Keith Arnaud:* *Miguel Caruana. Din hija l-call li ghamilt inti mill-istess number 99623741 fid-disgha u minuta, pro, prattikament giex minuti wara li kellimt lill-ewwel wiehed u cempilt fuq 9, 79797919 u din hija tieni call.*

*L-Ewwel Persuna:* *Hello?*

| | |
|---|---|
| *It-Tieni Persuna:* | *Mik jien ghamilli pjacir ibghatli five Euro Vodafone.* |
| *L-Ewwel Persuna:* | *Eee.* |
| *It-Tieni Persuna:* | *Ibghatuli l-messagg fuq dan, fuq dan, iddumx jekk, jekk, jekk tista'.* |
| *L-Ewwel Persuna:* | *Alright ha mmur nixtrilek wahda.* |
| *It-Tieni Persuna:* | *Thank you. Caw, caw, caw.* |
| *It-Tieni Persuna:* | *Caw, caw.* |

*Iddumx jekk tista'. X'kienet di, x'kienet dik l-urgenza George? Ma hargitx dak il-hin Daphne. X'kienet l-urgenza, ibghatuli iddumx? U filfatt bghatulek ghax tellajnieh. Miguel bghatlek il-messagg tellajna id-digits, l-eighteen digit number li jkun fih il-voucher tal-Vodafone. Bghatulek fuq il-mo, mobile personali tieghek u fejn twaddbu dak il-voucher? 99088824 George, hemm tfajtu. Veru dan?*

*Int jew mhux int George dan, din it-telefonata?*

*Ghalhekk forsi gharmejtu il-bierah il-mobile, ghax ma ridtx illi insibuh fuqek?*

*U ttopjajtu u ovvjament grazzi ta' dik it-topup stajt tkompli tikkuntatja kif filfatt ghamilt lil, l-iktar li kont qed tkellem lil huk. Wara dik il, wara dik it-topup filfatt cempilt, bghat SMSes sorry lil, lil huk. Fid-disgha u ghaxra cempillek umbaghad huk rega', kont ghadek fuq il-bahar fit-tlieta neqsin hamsa bdiet l-ewwel attivita' biex tisplodu lil Daphne u ergajt ghamilt zball iehor hawn George ghax fit-tlieta neqsin hamsa bdejt diehel lejn il-Port il-Kbir ergajt ghax il-barra ma kellnix cameras u terga' tinqabad bil-camera, id-dghajsa tieghek. Tinqabad taht il-qanpiena tal-Port il-Kbir nghidilha jiena, taht il-Barrakka t'isfel, hux hekk?*

Mill-istqarrija tal-ko-akkużat Alfred Degiorgio:

| | |
|---|---|
| *Spettur Keith Arnaud:* | *U kif ee għaliex qed ngħidu li, li, li dan number kont tuzah int Fred? Ghax huk Fredu ghamel zball.* |

*Spettur Kurt Zahra:* *Gorg.*

*Spettur Keith Arnaud:* *Gorg hu, huk Gorg sorry ghamel zball*

*Spettur Keith Arnaud:* *U kif ee ghalxiex qed nghidu li, li, li, li dan number kont qed tuzah inti Fred? Ghax huk Fredu ghamel zball.*

*Spettur Kurt Zahra:* *Gorg.*

*Spettur Keith Arnaud:* *Gorg hu, huk Gorg sorry ghamel zball. B'hekk nafu li in-99088820 huwa tieghek mhux qed nivvintawha ahna zgur din ghax ghamel zball. Ghax dakinhar inti kont kmieni, kont minn filghaxija il-Bidnija, hrabt harba sad-dar, mort lura l-Bidnija u bqajt hemmhekk sakemm il-bomba splodiet. Sakemm kont hemmhekk, by the way inxtghel dan id-device li qed nghidlek. Inti kont hemmhekk ergajt fis-siegha u nofs ta' filghodu u ghaxar minuti wara li wasalt inti tinxtghel id-device, 1:40AM, ghaxar minuti wara li wasalt inti inxtghelet, lesta biex tisplodi mixghula. Wara li nxtghelet issir telefonata minn 99088820 u 99088824 li ukoll kien il-Bidnija. In-99088823 li uza Censu kien il-Bidnija ukoll. Inti u Censu bqajtu hemm u Gorg mar sad-dar, mar strah siegha. Inti bqajt il-Bidnija, Censu baqa il-Bidnija u huk mar strieh siegha. Fil-hamsa u nofs beda sejjer lejn it-tinda tal-patata. Veru dan?*

*Alfred Degiorgio:* *Ma nwegibx.*

*Spettur Keith Arnaud:* *Minn hemmhekk mar qabad id-dghajsa tieghek. Int naqblu li ghandek id-dghajsa Maya fuq ismek?*

*Alfred Degiorgio:* *Ma nwegibx.*

*Spettur Keith Arnaud:* *Hija din. Qed nurik s, sett ritratti minn Dok. 'KK2', Page five. Dik hija tieghek Fred?*

*Alfred Degiorgio:* *Ma nwegibx.*

*Spettur Keith Arnaud:* *Fuq ismek qieghda jigifieri ma tantx, forsi domanda fil-vojt vera imma fuq ismek qieghda. Mar il-pa, it-tinda tal-patata u hawn bdew l-izbalji. Ghalxiex bdew l-izbalji u hawn ha nghidlek ghalfejn nafu li numbers dawn uzajtuhom inthom ghax Gorg halla l-mobile*

*tieghu mixghul. Il-mobile ta' Gorg naqra ahjar minn tieghek ghax registrat fuq ismu 99623741, dak hallieh mixghul. Fuqu kellu 99684366, dak li intuza biss biex intbghat l-SMS u ha mieghu ukoll 99088824, dak li ried ovvjament biex jikkomunika maghkom, ma setghax icemplilkom minn dak li jispicca 3741 ghax inkella nisimghukom. Forsi tafu li, li nisimghu l-calls taghkom allura uzajtu linja ohra u s'hemmhekk tajjeb, konna ghadna ma nahfux bikom. Pero' dan kien mixghul nafu fejn kien. Jidher miexi l-coastroad, jasal tinda tal-patata fil-fatt jasal hemmhekk, hamsa u nofs, is-sitta ta' filghodu, ipprepara 1, id-dghajsa u hareg il-barra bid-dghajsa u hareg il-barra bid-dghajsa, jistenna lilek jew lil Censu biex x'hin Daphne tohrog tibgha, jibghat REL1 = ON u jisploduha. Veru dan?*

*Alfred Degiorgio:* *Ma nwegibx.*

*Spettur Keith Arnaud:* *Hawnhekk ghandna ritratti, filfatt fit-tmienja kien hiereg Fred, din id-dghajsa tieghek. Tmienja ta' filghodu, ghandek id-data, sittax ta' Ottubru, hin amerikan dan ten six, 7:59:20 seconds, li-Port il-Kbir, id-dghajsa li rregistrata fuq ismek hierga 'l barra. Tghidli dik kif, kif qed taghraf li hija tieghek? Mhux problema hsibna ghaliha ukoll din id-darba ghax ffilmjajna affarjiet ohrajn biex nikkonfermaw li hija taghkom din. Dan huwa sett ta' ritratti Dok. 'KK4' immarkati min one, two, six, seven eight, nine, ten, ghaxar ritratti u erhilha l-barra mill-Port s'hemmhekk ghadna ma nahfux bikhom. Nofs ta' nhar, gh, ghadda forsi il-hin ghaddej u naqra anzjeta jkollkom nimmagina, tistennew li Daphne tohrog, forsi qed tibzghu li mhux ha johrog Daphne. Forsi qed tibzghu li forsi ha johrog biha t-tifel ghax nahseb rajtu xi darba tifel juzaha Fred, sejjer kont qed tosserva u hawn bdew l-izbalji. Apparti li nesa li hemm il-cameras, fit-tmienja waqt li kien fuq il-bahar spiccalu l-credit huk, minn 99088824 u inqabad bla credit. Minn number li 99088824 ma setax cempel ghax bla credit, l-iehor dak li jispicca 4366 uzah biss ghal bomba, l-option li kellu biss juza n-number tieghu,  dak li jispicca 3741, 99623741 kellu jcempel minnu dak li nafu bih*

*ahna u la nafu ahna qed nissemghu minnu u smajnieh jitlob credit. L-ewwel cempel lil Roman Gusman, kien l-ghalqa ta', imbghad cempel lil Mikiel ta', jghidulu Mikiel pero' jismu Miguel Caruana u talbu credit malajr u bghatulu u tellajna l-code ukoll tieghu, il-voucher fejn jittopjah l-voucher 99088824 u hemmhekk fejn nafu li Gorg kien qieghed juza dak in-number. Xi twiegeb ghaliha dik, Fred?*

Mill-istqarrija tal-ko-akkużat Vincent Muscat:

*Spettur Keith Arnaud:* […] *Pero' ghamel zbalji iktar George u grazzi ghall-izbalji illum qeghdin hawnhekk ghax waqt li ghamel gurnata fuq il-bahar, tajjeb, jistenna lilkom tghidulu li Dphne harget spiccalu l-credit minn 99088824, spiccalu l-credit u x'ghamel? Mill-mobile iehor ma setghax icempel ghax dak tal-bomba, jigifieri mill-99684366 ma cempilx, mil-liema cempel? Dak li kellna qed nissemghulek minnu u cempel minn 99623741. Minn dak cempel George ghax spiccalu l-credit. Cempel lil Mikiel, il-Miguel Caruana fuq 79797919 u talbu topup voucher u bghatulu l-eighteen digit code. Fejn tefghu? F'99088824 ghax spiccalu l-credit. Hemmhekk dahhal il-voucher li talab George fid-disgha ta' filghodu tas-16 ta' Ottubru, lahaq spiccalu l-credit, nesa jixtri topup voucher, inkella kif ha jikkomunika maghkom, ma jistax icemplilkom u grazzi ghal dan l-izball nafu illi kontu, nafu li George ittopja l-mobile u kixef u kixfilkom il-mobiles li kontu qeghdin tuzaw ghax kieku forsi ma konniex inkunu nafu. Imnalla kien dan l-izball ghax spiccalu l-credit.*

1.6. Anke waqt ix-xhieda mogħtija mill-Ispettur Keith Arnaud quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja huwa reġa' għamel enfasi kbira fuq l-interċettazzjonijiet telefoniċi u s-siwi jew il-fundamentalità tagħhom f'din l-investigazzjoni. Waqt l-udjenza ta' nhar id-19 ta' Diċembru, 2017 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja l-imsemmi Spettur Keith Arnaud xehed hekk:

*in the meantime konna infurmati ukoll mis - servizz tassigurta` . . errmm . . li ukoll assistu fl - investigazzjoni taghna . . errmm . . fejn jidhlu ukoll intercepts . . errmm . . fejn qalulna illi fil - fatt . . errmm . . l*

*- imputat George Degiorgio . . George Degiorgio kien qieghed . . errmm . . il - mobile tieghu 9962 3741 ( nine , nine , six , two , three , seven , four , one ) li huwa ukoll irregistrat fuq ismu fejn . . bhala numru Vodafone . . errmm . . kien qieghed . . errmm . . on intercepts mas- servizz tas- sigurta u wara li . . li . . li rajna dik l - attivita` huma bdew jiccekjaw il - . . ir - records taghhom u fil - fatt . . errmm . . ir – record . . instemghat , instemghat call . . errmm . . li . . li saret . . li saret . . errmm . . dakinhar stess , fis - sittax ( 16 ) ta' Ottubru elfejn u sbatax ( 2017 ) propju dis - disgha neqsin zewg minuti ( 08 : 58 ) . Kienet call maghmula mil - mobile phone tieghu personali ta' George Degiorgio lil terza persuna . . errmm . . dak il - hin bhala localisation kienet ic - Cell ID “Portium Kola” li qieghda fil - limit . . errmm . . ta lejn Bahar ic - Caghaq ukoll thares , lejn , lejn il - bahar . F' din il - call jinstemgha George Degiorgio illi jikkomunika ma terza persuna u talbu nikwota “ Ghamilli pjacir ibghatli €5 ( five euro ) Vodafone ) ” . . errmm . . dan il - persuna ma setghax jaqdih , minhabba fejn kien qieghed . . errmm . . u Goerge imbghad qallu qallu “Dak kif tista' tissellef €2 ( two euro ) ?” . Il - persuna l - ohra itih il - code qallu , qallu “SOS16203 ( one , six , two , zero , three ) ” . . errmm . . u qallu , George qallu ok u waqqfet it - telefonata . Fid - disgha u minuta ( 09 : 01 ) tas- sittax ( 16 ) ta' Ottubru elfejn u sbatax ( 2017 ) , did - darba il - call saret , tqabbdet mal - loc . . macCell Tower “Corinthia_3G_C” ( Coritntha underscore three G underscore C ) , hawnhekk ghax ma semmejtx li l - linja li kellu George , 9962 3741 ( nine , nine , six , two , three , seven , four , one ) , kienet 3G ( three G ) fuq 3G ( three G ) u anka gieli 4G ( four G ) , duration ta' din it - telefonata kienet tlettax ( 13 ) -il - sekonda u did - darba icempel lil certu Miguel Caruana . . errmm . . u hawnhekk George jghidlu . . errmm . . “ Mikiel “ . . ghax hawn hu jismu , jghidulu Mikiel , dan il - persuna qallu “ Mikiel ghamilli pjacir , ibghatli €5 ( five euro ) Vodafone ” . Mikiel . .*

*Spettur Keith Arnaud: errmm . . f' din il - call , li kienet call ta' duration ta' tlettax ( 13 ) - il - sekonda , il - . . il - . . George kif ghed t cempel lil dan il - persuna , jghidulu . . errmm . . maghruf , maghruf bhala “ Mikiel ” bejnietom . Qallu “ Ghamilli pjacir ibghati €5 ( five euro ) Vodafone ” u George imbghad jerga' jghidlu “ ibaghtuli messagg fuq dan , iddumx jekk tista' ” . Miguel , Miguel Caruana jghidlu “ All right , ha mmur nixtrilek wehda ( 1 ) ” u qallu “ Thank you ” u , u nqatghat . . errmm . . il - linja . Fil - fatt imbghad tlett ( 3 ) minuti wara , fid - disgha u erba' minuti ( 09 : 04 ) . . errmm . . Miguel Caruana jibghat voucher . . errmm . . ta' €5 ( five euro ) fil - fatt lil George Degiorgio fuq 9962 3741 ( nine , nine , six , two , three , seven , four , one ) u dak kien fid - disgha u erba' minuti ( 09 : 04 a . m . ) . . errmm . . ta' filghodu , kif ghedt fis - sittax ( 16 ) ta' Ottobru elfejn u ghaxra ( 2010 )*

[…]

*Spettur Keith Arnaud : . . elfejn u sbatax ( 2017 ) , skuzani . . . errmm . . meta rajna imbghad rajna dan it - top up voucher ta' €5 ( five euro ) fejn dahal bhala number irrizulta illi gie ikreditat numru tal - Vodafone*

*ukoll 9908 8824 ( nine , nine , zero , eight , eight , eight , two , four ) . Dak il - voucher illi , illi ntbghat ghand George idahhal , fil - fatt idahhal ftit sekondi wara , mal - ewwel gon- 9908 8824 ( nine , nine , zero , eight , eight , eight , . . . ermm . . . two , four ) li bhala localisation beda jimmarkalna ukoll fl - istess area propju fejn kien in - numru ta' George Degiorgio . . . . ermm . . . ghamilna ukoll , tlabna ukoll profile ta' dan in - number li semmejt 9908 8824 ( nine , nine , zero , eight , eight , eight , two , four ) u fil - fatt meta rajna il - . . il - localisation , il - kontenut tal - , tal - call logs ta' dan in - number irrizzulta illi bhalma gara fl - ewwel zewg ( 2 ) numri li dan tipo kien l - istess . Fis - sens illi bhala kuntatti kellu biss ma zewg ( 2 ) numri ohra u ma xejn iktar u cioe 9908 8820 ( nine , nine , zero , eight , eight , eight , two , zero ) u 9908 8823 ( nine , nine , zero , eight , eight , eight , two , three ) . . . ermm . . . li jirrizulta ukoll kif jidher li huma numri gejjin mill - istess sekwenza ta' batch . . . ermm . . . ta' numri . Il - . . il - . . it - tlett ( 3 ) numri innutajna ukoll illi gew attivati it - tlieta ( 3 ) li huma flimkien u cioe fid - dsatax ( 19 ) ta' Awwissu ta' din is - sena , elfejn u sbatax ( 2017 ) u gew attivati . . . ermm . . . l - ewwel ( 1 ) wiehed fis - saghtejn neqsin . . . ermm . . . sbatax il - . . il - minuta ( 01: 43 ) , it - tieni ( 2 ) wiehed f' xi five ( 5 ) jew seven ( 7 ) minutes wara u l - ahhar wiehed is - saghtejn neqsin zewg ( 2 ) minuti ( 01 :58 ) jigifieri prattikament gew it - tlieta ( 3 ) li huma atttivati . . . ermm . . . f' inqas minn , minn , minn ghoxrin ( 20 ) minuta . U bhala , bhala area fejn dawn it – tlett ( 3 ) numri kienu attivati , stajna naraw illi 9908 8820 ( nine , nine , zero , eight , eight , eight , . . . ermm . . . two , zero ) u n- 9908 8824 ( nine , nine , zero , eight , eight , eight , . . . ermm . . . two , four ) , it - tnejn ( 2 ) li huma bhala localisation kienu . . . ermm . . . Senglea , fil - fatt bhala cell ID it - tnejn ( 2 ) li huma qabbdu ma Senglea_B ( Senglea underscore B ) filwaqt illi t- tielet ( 3 ) numru 9908 8823 ( nine , nine , zero , eight , eight , eight , . . . ermm . . . two , three ) kien bhala localisation kien Hamrun_3_A ( Hamrun underscore three underscore A ) . . . ermm . . . rajna ukoll li dakinhar ukoll gew ikkreditati b'xi , b' xi , b' xi credit . . . . ermm . . . fuq dan is suuspett . . . ermm . . . rajn . . . . . ermm . . . bdejna nissuspettaw illi bhala phone illi ladarba . . . ermm . . . kien George li talab ghalih bdejn nissuspettaw illi kien numru li kien qed jaghmel uzu minnu George u ghaldaqstant tlabna ukoll il - call profiles ta huh Alfred Degiorgio illi kellna informazzjoni li kellna informazzjoni li kien qed juza n- numru 9932 8493 ( nine , nine , three , two , eight , four , nine , three ) li huwa ukoll Vodafone , u dak ta' . . ta' habib taghom Vincent Muscat . . . ermm . . . 7908 7219 ( seven , nine , zero , eight , seven , two , one , nine ) li huwa bhala number . . numru huwa GO Mobile .*

1.7. Jirriżulta għalhekk illi fost tali interċettazzjonijiet hemm allegatament telefonata fejn l-esponenti talab lil terz *top up voucher* li mbagħad intuża ġewwa *mobile* ieħor li l-Kummissarju tal-Pulizija, hawn intimat, qiegħed jallaċċjah ma' l-esponenti u mad-delitt lilu addebitat u hemm allegatament ukoll interċettazzjonijiet fejn l-esponenti jgħid illi mar jistad u qabad żewġ ħutiet kif ukoll illi talab lis-sieħba tiegħu tixtrilu l-inbid u dan kif jirriżulta mix-xhieda ta' l-Ispettur Keith Arnaud mogħtija

minnu aktar tard quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja;

1.8. Dan kollu kien ħoloq sensazzjonaliżmu kbir fil-mezzi tax-xandir, kien ġie rappurtat estensivament u dan b'detriment għal każ pendenti fil-konfront ta' l-esponenti u għall-preżunzjoni ta' l-innoċenza tiegħu;

1.9. Minkejja dawn l-asserzjonijiet da parti tal-Kummissarju tal-Pulizija, huwa naqas għal kollox milli jġib bħala prova li dak allegat minnu għandu tabilħaqq mis-sewwa billi naqas milli jipproduċi xi *recordings* ta' tali interċettazzjonijiet telefoniċi, naqas milli jipproduċi xi traskrizzjoni ta' l-allegati interċettazzjonijiet telefoniċi u naqas ukoll milli jipproduċi lill-Kap tas-Servizz tas-Sigurtà, hawn intimat ukoll, sabiex jikkonferma il-veraċità o meno ta' dak kollu allegat minnu;

1.10. Agħar minn hekk, il-Kummissarju tal-Pulizija mhux biss naqas milli jipprova l-veraċità o meno ta' dak allegat minnu iżda naqas ukoll milli jġib il-prova debita illi jekk tabilħaqq kienet qegħda issir interċettazzjoni ta' xi telefonati tali interċettazzjoni kienet qegħda issir bis-saħħa ta' mandat maħruġ appożitament mill-Ministru responsabbli u dan kif kontemplat tassattivament mill-Kap. 391 tal-Liġijiet ta' Malta;

1.11. Il-kumpilazzjoni tal-provi fil-konfront ta' l-esponenti u tal-ko-akkużati l-oħra ingħalqet u ġie ippreżentat att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali iżda sallum il-ġurnata l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija naqsu milli jressqu l-prova illi jekk saret interċettazzjoni, din saret skond il-liġi u mhux bi ksur tal-liġi: dan qiegħed jingħad ukoll għaliex il-Kummissarju tal-Pulizija huwa obbligat illi jenforza l-liġi u jipprevjeni l-kummissjoni ta' reati, mhux illi jagħmel reat jew jikser xi liġi huwa stess;

1.12. Kien għalhekk illi qabel ma ipproċeda b'dan ir-rikors, nhar it-12 ta' Awwissu, 2019 l-esponenti flimkien ma' ħuh Alfred Degiorgio ippreżentaw protest ġudizzjarju li għandu n-numru 373/2019. Permezz ta' dan il-protest ġudizzjarju, fost affarijiet oħra, l-esponenti għamlu referenza għall-fatt illi l-Qrati tagħna ġjà kellhom l-opportunità illi jesprimu l-fehma tagħhom dwar nuqqasijiet simili f'kawżi fejn kemm il-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll l-intimat il-Kap tas-Servizz tas-Sigurtà kienu parti;

1.13. Fil-fatt, fil-kawża deċiża b'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta' Diċembru, 2011 fl-ismijiet **L-Avukat Ġenerali v. Il-Kap tas-Servizz tas-Sigurtà et** li kienet kawża fejn l-Avukat Ġenerali oġġezzjona għall-eżebizzjoni tal-mandati illi bis-saħħa tagħhom kienet saret interċettazzjoni ingħad illi: *Minbarra dan, hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-imsemmi degriet jassikura wkoll li l-prova fi proċess fejn persuna tinsab mixlija b'reat tkun waħda li wieħed jista' joqgħod fuqha u mhux marbuta ma' dikjarazzjoni insindakabbli ta' xi funzjonarju li, sinċiera u awtentika kemm tista' tkun sinċiera u awtentika, ma tkunx fis-setgħa tal-qorti li tistħarriġha u tqisha sewwa. Dan ma jfissirx li meta*

*ngħata dak id-degriet, kien ifisser li l-prova setgħet tixxerred mal-erbat irjieħ jew li b'daqshekk it-tagħrif ordnat li jitressaq fl-atti ma kienx jista' jkun kontrollat bi provvediment xieraq mill-istess Qorti li tatu. Iżda li wieħed iqis li Qorti hija mċaħħda a priori milli biss tikkontrolla l-veraċita' ta' fatt allegat b'mod effettiv (kif l-attur qiegħed ifisser l-effetti tal-artikolu 18 talkap 391) u liema fatt allegat jista' jkun determinanti għall-eżitu tal-akkużi mressa kontra persuna mixlija, dan ikun joffendi wieħed mill-għodda l-iżjed fejjieda li għandu jkollhom il-Qrati – jiġifieri dik li tiggarantixxi l-ħarsien tal-interessi kollha involuti (u mhux biss tal-parti akkużata bir-reat) b'mod mhux mistur. Fil-fehma sħiħa tagħha, dan huwa wkoll element ewlieni ta' ordni pubbliku li jistħoqqlu jkun imħares daqs l-interess li jista' jkollu l-Istat għall-ogħla ħarsien tas-sigurta' pubblika*;

1.14. Inoltre f'sentenza oħra mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-1 ta' Marzu, 2011 fl-ismijiet **Avukat Ġenerali v. Kap tas-Servizz tas-Sigurtà et** li ġiet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza mogħtija nhar l-24 ta' Frar, 2012, ġiet emfasizzata l-importanza illi jiġu prodotti mhux biss it-traskrizzjonijiet u x-xhieda imma anke l-mandati illi bis-saħħa tagħhom issir l-interċettazzjoni u ingħad hekk: *L-art. 6 (2) tal-Kap. 391 igħid hekk: 6. (2) Ebda interċettazzjoni ta' jew interferenza ma' komunikazzjonijiet fil-kors tat-trasmissjoni tagħhom bil-posta jew bil-mezz ta' sistema ta' radjokomunikazzjoni jew ta' telekomunikazzjoni jew b'kull mezz ieħor ma għandu jkun kontra l-liġi jekk dan jiġi awtorizzat b'mandat maħruġ mill-Ministru bis-saħħa ta' dan l-artikolu.* ***A contrario sensu, kull interċettazzjoni bħal dik tkun kontra l-liġi jekk ma tkunx awtorizzata b'mandat maħruġ taħt il-liġi u, jekk dak il-mandat ma jintweriex, il-qorti ma tkunx tista' tgħid jekk l-interċettazzjoni tkunx kontra l-liġi jew le. Jekk il-qorti ma jkollhiex is-setgħa li tordna li jintwera l-mandat, u għalhekk li tara jekk il-liġi tħarsitx jew le, il-Kap tas-Servizz tas-Sigurtà jkun tqiegħed 'il fuq mil-liġi, ħaġa li żgur ma setgħetx tgħaddi minn moħħ leġislatur xewqan li jħares il-Kostituzzjoni, għax huwa assjomatiku illi fi stat ta' dritt ħadd ma hu 'l fuq mil-liġi. Interpretazzjoni tal-liġi f'dak is-sens tkun bilfors interpretazzjoni ħażina.*** *Għalhekk kienet tajba u konformi mal-Kostituzzjoni l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fis-sens illi l-qorti għandha dik is-setgħa, u kien tajjeb ukoll u kien lejali lejn il-liġi l-għemil tal-Kap tas-Servizz tas-Sigurtà li mexa kif ried dak l-ordni*;

1.15. Issa illi l-Avukat Ġenerali ippreżenta l-att ta' l-akkuża fil-konfront ta' l-esponenti, ħuh Alfred Degiorgio u l-imsemmi Vincent Muscat u l-kumpilazzjoni tal-provi ingħalqet, huwa mifhum illi minkejja l-importanza massima ta' dawn il-provi l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija għażlu illi ma jressqux tali provi;

1.16. Dan kollu jfisser ċertament illi prova – jekk tista' tissejjaħ bħala hekk – illi l-Kummissarju tal-Pulizija ilu jgħid illi għandu u illi għab-bażi tagħha tressaq, inżamm arrestat u għadu qiegħed jinżamm arrestat l-esponenti, jekk tabilħaqq teżisti, mhijiex prova skond il-liġi u l-

esponenti huwa għal kollox preklużi milli jkollu xi mezz ta' kontroll tal-veraċità ta' tali prova u sabiex jikkontrobatti lill-istess;

1.17. L-esponenti jgħid ukoll illi l-fatti hawn fuq esposti jfissru dan illi ġej:

(a) li mhuwiex minnu illi l-interċettazzjonijiet allegati mill-Kummissarju tal-Pulizija saru;

(b) li jekk tali interċettazzjonijiet tabilħaqq saru, dawn saru b'mod għal kollox illegali għaliex mingħajr mandat;

(c) li jekk tali interċettazzjonijiet tabilħaqq saru (b'mod illegali), dawn ċertament ma sarux b'referenza għall-investigazzjoni dwar delitt illi kien għadu ma seħħx iżda saru jew b'mod ġenerali illi jiġu interċettati kull telefonata li għamel jew irċieva l-esponenti jew b'referenza għal xi investigazzjoni oħra u għalhekk u f'kull każ ma jistgħux jintużaw bħala prova fil-każ illi bħalissa jinstabu akkużati fih l-esponenti;

(d) li jekk tali interċettazzjonijiet tabilħaqq saru (b'mod illegali), ġew mgħoddija b'mod daqstant ieħor illegali mill-Kap tas-Servizz tas-Sigurtà lill-Kummissarju tal-Pulizija;

(e) li jekk tassew jeżistu tali interċettazzjonijiet, kien hemm interess illi tiġi żvelata b'mod għal kollox illegali u arbitrarju parti żgħira u selettiva biss u jinżamm mistur il-kontenut sħiħ ta' tali interċettazjonijiet li allegatament kienu qegħdin isiru fuq it-telefonati illi kien qiegħed jagħmel l-esponenti;

1.18. Fi kliem sempliċi ħafna, huwa ċar illi jekk tali interċettazzjonijiet telefoniċi illi l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija ressqu u jridu jkompli jressqu bħala prova kontra l-esponenti tassew saru, dawn saru b'mod għal kollox illegali u l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija ressqu u jridu jkomplu jressqu provi fil-konfront ta' l-esponenti illi huma kisbu b'mod illegali u bi ksur ta' liġi. Inoltre huwa daqstant ieħor ċar u evidenti illi l-Kap tas-Servizzi tas-Sigurtà huwa responsabbli għal tali illegalità billi semmai huwa l-persuna illi għamlet l-allegati interċettazzjonijiet illegali. Barra minn dan kollu, l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija ressqu u jridu jkomplu jressqu provi oħra illi huma setgħu biss jiksbu bħala riżultat jew frott tal-prova illegali minnhom miksuba konsistenti fl-interċettazzjonijiet telefoniċi illegali imsemmija minnhom billi kif ammess minn rappreżentanti tagħhom stess, jew ta' min minnhom, huma ma setgħu qatt jaslu għal ċerti konklużjonijiet li kieku ma użawx tali interċettazzjonijiet illegali;

1.19. Fil-protest ġudizzjarju ippreżentat minnhom l-esponenti u ħuh Alfred Degiorgio ipprotestaw rwieħhom bis-saħħa kollha kontra l-ġir ta' l-intimati u filwaqt illi intimawhom illi l-aġir ta' l-intimati lkoll flimkien, jew min minnhom, huwa altament suspettuż, abbużiv, illegali u ta' detriment għal każ u għad-difiża tagħhom billi, fost affarijiet oħra,

qiegħed iċaħħadhom milli jkunu jistgħu jikkontrollaw l-allegata prova, jekk qatt tista' tissejjaħ hekk, li biha l-Kummissarju tal-Pulizija ressaq lill-esponenti l-Qorti b'akkużi serji u ħoloq sensazzjonaliżmu illi ma setax ħlief ippreġudikalhom il-preżunzjoni ta' l-innoċenza tagħhom, żammewhom responsabbli għal tali aġir tagħhom u interpellaw lill-Kap tas-Servizzi ta' Sigurtà sabiex sa mhux aktar tard minn żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa mill-preżentata ta' l-imsemmi protest ġudizzjarju jippreżenta r-*recordings* u t-traskrizzjonijiet kollha mingħajr eċċezzjoni tat-telefonati kollha illi jista' jkollu debitament ikkonfermati bil-ġurament u akkumpanjati mill-mandat illi awtorizzahom skond il-liġi. L-esponenti interpellaw lill-intimati l-oħra, l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija, biex fil-każ ta' nuqqas huma għandhom jirrikonoxxu formalment illi ma kellhom l-ebda prova jew prova legali fir-rigward ta' interċettazzjonijiet u għalhekk jersqu sa żmien mhux aktar tard minn tmienja u erbgħin (48) siegħa mill-preżentata ta' l-imsemmi protest ġudizzjarju sabiex jgħamlu tajjeb għas-sensazzjonaliżmu infondat illi huma ħolqu fil-konfront ta' l-esponenti u l-każ pendenti fil-konfront tagħhom;

1.20. L-intimati wieġbu dan il-protest ġudizzjarju permezz ta' kontro-protest ġudizzjarju ippreżentat minnhom nhar l-20 ta' Awwissu, 2019 u li għandu n-numru: 385/2019 fejn fil-qasir u b'mod xott għall-aħħar wieġbu lill-esponenti illi jekk huma għandhom xi ilment dwar l-interċettazzjonijiet, huma għandhom iressqu l-istess fil-Qorti Kriminali u mhux jippreżentaw xi kawża ċivili jew kostituzzjonali. Jiġifieri filwaqt illi l-intimati ma ċaħdux illi l-prova allegata minnhom hija waħda miksuba bi ksur tal-liġi, huma donnhom riedu jagħtu "parir" lill-esponenti x'tip ta' proċeduri ġudizzjarji ma għandhomx jittieħdu. Dan minflok ma jaqbdu u juru lill-esponenti, ossija waħda minn tlett (3) persuni (l-akkużati) illi verament għandhom interess, illi kull aspett ta' l-investigazzjoni sar bil-liġi u skond il-liġi u mhux bi ksir tal-liġi! Bħala parentesi għandu jingħad illi huwa ta' għajb kbir illi uħud mill-ogħla awtoritajiet fil-pajjiż f'dak illi għandu x'jaqsam l-enfurzar u l-osservanza tal-liġi, wara li ġew mixlija illi huma stess kisru l-liġi, lanqas biss ikollhom is-saħħa illi jiċħdu tali allegazzjoni aħseb u ara kemm jippreżentaw il-mandati li suppost kellhom skond il-liġi u juru li kollox sar kif suppost u mingħalihom ser jirnexxilhom iwarrbu l-ilment ġustifikat ta' l-esponenti fuq xi bażi proċedurali;

## 2. L-ilment konvenzjonali ta' l-esponenti

2.1. Spjegati l-fatti illi wasslu għall-preżentata ta' dan ir-rikors, l-esponenti ser jgħaddi sabiex jispjega l-ilmenti tiegħu mil-lenti tad-drittijiet fundamentali;

2.2. Fl-ewwel lok, l-esponenti jsostni illi jekk kemm-il darba jirriżulta illi huwa kien tassew suġġett ta' interċettazzjonijiet telefoniċi, liema interċettazzjonijiet kienu qegħdin isiru bil-mod illegali hawn fuq imsemmi, l-aġir ta' l-intimati jew min minnhom jikkostitwixxi fil-konfront tiegħu leżjoni ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-

Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta’ Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta’ Malta in kwantu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, jikkostitwixxi ksur, ċertament mhux skond il-liġi u mhux ġustifikat, tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u/jew tal-familja ta’ l-imsemmi esponenti. F’dan ir-rigward, jiġi rilevat illi l-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet kemm-il darba illi tali interċettazzjonijiet illi ma jsirux skond il-liġi huma leżivi tal-jedd fundamentali sanċit fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Hekk per eżempju, f’wieħed mill-ewwel każijiet f’dan ir-rigward fl-ismijiet **Malone v. United Kingdom** ġie deċiż illi l-fatt waħdu illi interċettazzjoni ma ssirx skond il-liġi jfisser illi l-applikant ġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu sanċit f’tali artikolu tal-Konvenzjoni;

2.3. Fit-tieni lok b’mod sussidjarju, l-esponenti jsostni illi anke kieku stess fil-pessima ipoteżi jirriżulta illi huwa kien suġġett ta’ interċettazzjonijiet telefoniċi, li saru legalment, xorta waħda l-aġir ta’ l-intimati jew min minnhom jikkostitwixxi fil-konfront tiegħu leżjoni ta’ l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta’ Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta’ Malta in kwantu l-Kap. 391 tal-Liġijiet ta’ Malta li jirregola l-interċettazzjonijiet illi jistgħu isiru mill-Kap tas-Servizzi tas-Sigurtà bis-saħħa ta’ mandat maħruġ skond dak l-att, fost affarijiet oħra, ma jipprovdix b’mod ċar biżżejjed dwar id-diskrezzjoni ta’ l-imsemmi Kap tas-Servizzi ta’ Sigurtà li jagħmel interċettazzjonijiet telefoniċi u fil-prattika ma jipprovdi l-ebda salvagwardji kontra l-possibilità ta’ abbuż mill-istess Kap tas-Servizzi ta’ Sigurtà;

2.4. Fit-tielet lok u b’mod sussidjarju wkoll, il-Kap. 391 tal-Liġijiet ta’ Malta huwa minnu nnifsu leżiv fil-konfront tad-dritt fundamentali ta’ l-esponenti sanċit bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta’ Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta’ Malta in kwantu hemm nuqqas ta’ leġislazzjoni u regolamenti dettaljati u speċifiċi dwar id-diskrezzjoni tal-Kap tas-Servizzi ta’ Sigurtà u l-awtoritajiet l-oħra hemm imsemmija li jordnaw interċettazzjonijiet u/jew illi jitolbu l-mandat sabiex huma jkunu jistgħu jgħamlu, skond il-liġi tali interċettazzjonijiet u minħabba n-nuqqas ta’ dispożizzjonijiet li jiddefinixxu l-iskop u l-manjiera ta’ l-użu ta’ metodi ta’ interċettazzjonijiet b’mod illi ma hemm xejn fil-liġi illi tissalvagwardja kontra l-possibilità ta’ abbuż;

2.5. Fir-raba’ lok u mingħajr preġudizzju għal premess, l-esponenti jsostni illi l-aġir ta’ l-intimati, inkluż iżda mhux limitat, illi jissuġġettaw lill-esponenti għal interċettazzjonijiet telefoniċi, liema interċettazzjonijiet kienu qegħdin isiru bil-mod illegali hawn fuq imsemmi, li tali interċettazzjonijiet jitressqu bħala prova fil-konfront tiegħu u illi jinġabru u jitressqu aktar provi għab-bażi u riżultanti minn tali interċettazzjonijiet, jikkostitwixxi fil-konfront tiegħu leżjoni ta’ l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-

Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u dana, fost raġunijiet oħra, għaliex:

(a) l-allegati interċettazzjonijiet telefoniċi illegali huma prova miġbura, miksuba u allura ppreżentati mill-intimati, jew min minnhom, b'mod illegali, b'mod kontra l-liġi u b'mod kontra l-jeddijiet fundamentali ta' l-esponenti u għalhekk bi ksur tal-jedd tiegħu illi jkollu smiegħ xieraq;

(b) l-allegati interċettazzjonijiet telefoniċi ma ġewx eżebiti la bħala *recording* u lanqas bħala traskrizzjoni u ma ġewx eżebiti l-mandat jew mandati relattivi u għalhekk l-allegati interċettazzjonijiet mhumiex suġġetti la għall-iskrutinju ġudizzjarju u lanqas għall-kontroll da parti ta' l-esponenti b'mod illi qiegħed jiġi leż il-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq li jinkludi l-kunċett ta' l-*equality of arms.* Ladarba l-prosekuzzjoni u/jew l-intimati jew min minnhom għażlu illi jistrieħu fuq interċettazzjonijiet bħala prova kull ċirkostanza relattiva għal tali interċettazzjonijiet għandha tkun suġġetta għall-iskrutinju ġudizzjarju għaliex inkella ma tkun teżisti l-ebda parità ta' armi fil-proċess ġudizzjarju illi għaddej minnu l-esponenti;

(c) il-fatt waħdu illi ma ġie eżebit xejn minn dak kollu imsemmi fil-paragrafu preċedenti, ifisser anke skond dak deċiż fis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-1 ta' Marzu, 2011 fl-ismijiet **Avukat Ġenerali v. Kap tas-Servizz tas-Sigurtà et** li ġiet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza mogħtija nhar l-24 ta' Frar, 2012, li jekk dak il-mandat ma jintweriex, il-qorti ma tkunx tista' tgħid jekk l-interċettazzjoni tkunx kontra l-liġi jew le u għalhekk l-intimati, ilkoll flimkien jew min minnhom, aġixxew u qegħdin jaġixxu b'mod illi jiġu 'l fuq mill-Qorti billi mingħalihom ineħħulha s-setgħa illi tgħid u tiddeċiedi jekk l-interċettazzjoni hijiex kontra l-liġi o meno u għalhekk kisru u ser ikomplu jiksru l-jedd ta' l-esponenti li jkollu smiegħ xieraq;

(d) l-allegati interċettazzjonijiet telefoniċi ġew impenġija mill-uffiċjal prosekutur bħala stat ta' fatt u prova miksuba legalment u l-allegat kontenut tagħhom ingħata *coverage* estensiv mill-mezzi tax-xandir b'mod illi ġie u għadu qiegħed jiġi u x'aktarx ser ikompli jiġi leż il-jedd fundamentali ta' l-esponenti għal smiegħ xieraq inkluż iżda mhux limitat għall-preżunzjoni ta' l-innoċenza illi suppost topera favurih ladarba għadu ma għaddiex ġuri u għadu ma ġiex misjub ħati u għadu ma ġiex ikkundannati;

(e) l-interpretazzjoni mogħtija mill-uffiċjal prosekutur, kemm matul it-teħid ta' l-istqarrija tiegħu kif ukoll matul l-għoti tax-xhieda tiegħu quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja għall-allegati interċettazzjonijiet b'referenza partikolari fejn jallega illi l-esponenti jinstema' jgħid illi qabad żewġ ħutiet kbar u talab lill-*partner* tiegħu tixtrilu l-inbid u l-kummenti illi għadda fis-sens illi ried jiċċelebra l-omiċidju ta' Daphne Caruana

Galizia jikkostitwixxu wkoll ksur tal-jedd fundamentali ta' l-esponenti għal smiegħ xieraq inkluż iżda mhux limitat għall-preżunzjoni ta' l-innoċenza illi suppost topera favurih ladarba għadhom ma għaddiex ġuri u għadu ma ġiex misjub ħati u għadu ma ġiex ikkundannati;

(f) kwalunkwe allegata prova illi nġabret u ġiet ippreżentata mill-Avukat Ġenerali jew il-Kummissarju tal-Pulizija u illi l-istess ġabru bħala konsegwenza u/jew riżultat tal-fatt illi huma kellhom l-allegati interċettazzjonijiet illegali hija similment illegali billi nġiebet bis-saħħa ta' allegata prova illi inkisbet illegalment;

2.6. Inoltre fil-ħames lok, l-esponenti jsostni illi l-Kap. 391 tal-Liġijiet ta' Malta huwa minnu nnifsu leżiv għall-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq ai termini ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu l-imsemmi Kap. 391 tal-Liġijiet ta' Malta ma fih l-ebda salvagwardja kontra abbuż da parti ta' l-intimati jew min minnhom u b'mod partikolari iżda mhux biss bl-ebda mod ma jissuġġetta l-aġir ta' l-intimati jew min minnhom għal skrutinju ġudizzjarju minn qabel ma ssir xi interċettazzjoni. Dan jfisser illi minkejja dak kollu illi tista' tipprovdi l-imsemmija liġi, l-intimati jew min minnhom, b'mod partikolari l-Kap tas-Servizzi tas-Sigurtà, jista' jagħmel li jrid għal dawk illi huma interċettazzjonijiet għaliex l-aġir tiegħu mhuwiex aġir li jrid jingħata xi forma ta' awtorizzazzjoni ġudizzjarja qabel ma jsir;

2.7. B'żieda ma' dan kollu, l-artikolu 18 tal-Kap. 391 tal-Liġijiet ta' Malta huwa leżiv tal-jeddijiet fundamentali sanċiti bl-artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu d-dispożizzjonijiet ta' tali artikolu jittentaw jaqtgħu barra għal kollox u jneħħu d-dritt illi persuna jkollha aċċess għal qorti (anke li issaqsi in kontro-eżami) fi kwistjonijiet dwar jekk il-Kap tas-Servizzi tas-Sigurtà, membri fl-istess dipartiment u uffiċjali pubbliċi (fosthom membri tal-korp tal-pulizija) wettqux xi aġir illi jikkostitwixxi interċettazzjoni illegali u kwindi reat u jekk kienx inħareġ mandat skond il-liġi. B'hekk bil-mod illi hija redatta dina l-liġi ossija l-Kap. 391 tal-Liġijiet ta' Malta u b'mod partikolari l-imsemmi artikolu 18 ta' l-istess Kap. 391 ried iwassal għal sitwazzjoni fejn ħadd ma jista' jistaqsi f'qorti l-imġieba tal-Kap tas-Servizzi tas-Sigurtà, membri fl-istess dipartiment u uffiċjali pubbliċi (fosthom membri tal-korp tal-pulizija) anke f'każijiet ta' interċettazzjonijiet illegali. Tali leġislazzjoni hija inkonsistenti u inkompatibbli mad-dritt ta' smiegħ xieraq u f'każijiet attwali ta' interċettazzjonijiet hija inkonsistenti u inkompatibbli mad-dritt fundamentali sanċit fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali. Ma jistax ikollok operat tal-Kap tas-Servizzi tas-Sigurtà jew eżerċizzju tal-poteri tiegħu illi ma jkunux sindakabbli f'qorti;

**3. Konklużjoni**

3.1. Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti jgħoġobha:

1. Tiddikjara illi għar-raġunijiet hawn esposti fil-konfront tiegħu hemm ksur u x'aktarx ser jibqa' jkun hemm ksur ta' l-artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

2. Tiddikjara illi l-Kap. 391 tal-Liġijiet ta' Malta u b'mod partikolari l-artikolu 18 tal-Kap. 391 tal-Liġijiet ta' Malta jiksru l-artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

3. Konsegwentament tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti hekk kif garantiti taħt il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, inkluż billi tordna l-isfilz mill-atti tal-proċeduri kriminali bħalissa pendenti fil-konfront ta' l-esponenti ta' kull prova miksuba illegalment u ta' kull prova miksuba bħala konsegwenza ta' kull prova miksuba illegalment u tagħtih kumpens xieraq għal ksur hawn fuq imsemmi;

Bl-ispejjeż kontra l-intimati jew min minnhom."

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali (l-intimat Avukat), tal-Kummissarju tal-Pulizija (l-intimat Kummissarju) u tal-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta' (l-intimat Kap) li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:

"Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma mibnija fuq erba' binarji fis-sens illi fl-ewwel lok fl-eventwalita` li r-rikorrenti huwa succett ta' intercettazzjonijiet telefonici minghajr l-ebda awtorizazzjoni dan allegatament jikser l-artikolu 8 tal-konvenzjoni; fit-tieni lok anke jekk l-intercettazzjonijiet kienu awtorizzati xorta hemm lezjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni stante li mhux car kif tintuza d-diskrezzjoni tal-Kap intimat u ma hemm l-ebda salvagwardji kontra abbuz; fit-tielet lok li l-Kap. 319 innfisu huwa leziv tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni; u fir-raba' lok l-intercettazzjonijiet telefonici jikkostitwixxu prova li ma gietx esebita u dan allegatament bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Illi l-esponenti jissottomettu li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:-

1. Illi *in linea* preliminari,il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Kap tas-Servizz tas-Sigurta` mhumiex il-legittimi kontraditturi stante li l-ilment tar-rikorrenti huwa mibni fuq l-kostituzzjonalita` o meno ta' ligi u fuq proceduri gudizzjarji u li ghalhekk l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija u l-Kap tas-

Servizz tas-Sigurta` ghandhom jigu dikjarati bhala mhux il-legittimi kontraditturi u jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi *in linea* preliminari wkoll, ir-rikorrenti qieghed jabbuza mill-process kostituzzjonali stante illi huwa qieghed jadopera procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta ghad ghandu a disposizzjoni tieghu rimedji ordinarji sabiex ihares id-drittijiet pretizi minnu. Illi l-ammissibilita` ta' xhieda u dokumenti fi proceduri kriminali taqa' fil-kompetenza esklussiva tal-Qrati penali u dan skont il-provvedimenti tal-Kodici Kriminali (Kap 9 ta' Ligijiet ta' Malta). Illi ghalhekk ir-rikorrenti ghandu l-possibilita` li jqajjem l-oggezzjoni tieghu, kif fil-fatt ghamel fin-Nota tal-Eccezzjonijiet tieghu prezentata fl-atti tal-Att tal-Akkuza li nhareg in konfront tieghu, dwar l-ammissibilita` ta' dokumenti u xhieda fejn issir riferenza ghal intercettazzjonijiet telefonici li ma gewx ezebiti quddiem il-qrati kriminali ordiarji u huma dawk il-qrati li ghandhom il-kompitu li jiddeciedu tali kwistjonijiet. Illi dan ir-rimedju kien disponibbli quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fejn setgha jattakka tali prova u tali rimedju xorta wahda ghadu disponibbli ghall-istess rikorrent quddiem il-Qorti Kriminali fejn kien l-istess rikorrenti li qajjem eccezzjoni preliminari sabiex jattakka l-ammissibilita` ta' tali evidenza. F'dan ir-rigward l-esponenti ghalhekk jecepixxu n-nuqqas ta' ezawriment tar-rimedji ordinarji da parti tar-rikorrenti u l-esponenti jistiednu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni konvenzjonali taghha ai termini tal-proviso ghall-Artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Illi *in linea* preliminari wkoll, l-esponenti jecepixxu li ghal dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigh xieraq, il-Qrati taghna kif ukoll ta' Strasburgu dejjem irritenew illi sabiex japplikaw l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoi Ewropeja rispettivament jridu tabilfrs jitqiesu l-fatturi processwali partikolari tal-kaz, b'mod illi biex jiddeterminaw jekk kien hemm ksur tal-jedd ta' smiegh xieraq, iridu jqisu l-process kollu kemm hu fl-assjem tieghu. Dan ifisser li l-Qorti ma tistax u ma ghandhiex tiffoka fuq bicca wahda mill-process shih gudizzjarju biex minnu jekk issib xi nuqqas tasal ghall-konkluzjoni li tabilfors sehh ksur tal-jedd ghas-smigh xieraq (ara **Adrian Busietta vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu 2006 u **Dimech v. Malta** deciza mill-Qorti Ewropeja fit-2 ta' April 2015). In vista ta' dan it-taghlim, l-esponenti jirrilevaw li t-talba fir-rikors promotur hija wahda intempestiva u prematura tenut kont li l-proceduri kriminali in konfront tar-rikorrenti ghadhom mhumiex konkluzi u ghalhekk ghandha tigi dikjarata bhala intempestiva minn dina l-Onorabbli Qorti.

4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu r-rikorrenti qieghed jallega illegalita` tal-intercettazzjonijiet ta' telefonati allegatament maghmula mis-Servizz tas-Sigurta` ta' Malta bi ksur tal-Artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponent jibdew billi jissottomettu li bhala principju generali l-Konvenzjoni Ewropeja ma tipprojbixxix intercettazzjonijiet telefonici. Ghall-kuntrarju, il-Qorti Ewropeja irrikonoxxiet li fil-glieda kontra certu reati li huma kkunsidrati bhala serji hemm il-htiega li jkun hemm sorveljanza fil-

kommunikazzjonijiet. Dan huwa wkoll rikonoxxut bil-promulgazzjoni ta' diversi Konvenzjonijiet mill-Kunsill tal-Ewropa fejn espressament jirrakomanda l-uzu ta' intercettazzjonijiet bhala mizura specjali ta' investigazzjoni (ara *Council of Europe Criminal Law Convention on Corruption*).

L-esponenti jissottomettu li l-Artikoli 7 u 8 tal-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta` (Kap. 391 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdu b'dettaljatament u b'mod car x'ikopri mandat ta' intercettazzjoni, il-mod kif ghandu jinhareg mandat u t-terminu ta' validita` tal-mandat. Illi l-Artikoli 13 tal-Kap. 391 jahseb ghall-investigazzjoni ta' ilmenti u l-Artikolu 12 tal-Kap. 391 jahseb ghall-hatra tal-Kummissjunarju li ghandu l-funzjoni li jinvestiga l-ilmenti maghmula dwar l-agir tas-Servizz tas-Sigurta`. Illi l-Artikolu 15 tal-Kap. 391 jitratta l-projbizzjoni ta' intercettazzjoni u l-Artikolu 16 tal-Kap. 391 jirregola l-izvelar ta' messaggi minn impjegati f'certu oqsma.

Illi in kwantu r-rikorrenti jallega ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jissottomettu li bhala regola dan l-artikolu tal-Konvenzjoni jipprovdi illi kull persuna ghandha dritt ghar-rispett tal-hajja familjari taghha u ghall-privatezza taghha. Is-subinciz (2) ta' l-istess artikolu jipprovdi illi interferenza fit-tgawdija ta' dan id-dritt ma twassalx, ghall-lezjni jekk tali interferenza saret skond il-ligi u tkun necessarja f'socjeta` demokratika. Illi ma hemmx dubbji li l-interferenza li minnha qieghed jillamenta r-rikorrenti hija koperata bl-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta` (Kap. 391 tal-Ligijiet ta' Malta) u li tali intercettazzjoni kienet wahda necessarja stante li l-iskop warajha huwa l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati serji bhal dak odjern li jinvolvi omicidju volontarju. Illi minn ezami anke superficjali tal-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta` jinzel bic-car li dina l-ligi hija wahda accessibbli stante li hija kodifikata (ara *Liberty v. the United Kingdom; u Zakharov v. Russia*),hija wkoll cara u prevedibbli fis-sens li huwa possibbli ghall-persuna (anke wara li tottjeni pariri legali) li tkun taf meta jistghu isiru intercettazzjonijiet (fl-artikolu 3 tal-Kap. 391 jaghmilha cara li wahda mill-funzjonijiet principali tas-servizz tas-sigurta` huwa l-prevenzjoni u kxif ta' delitti gravi). Illi l-ghan wara l-intercettazzjonijiet li jahseb ghalihom il-Kap. 391 huwa s-sigurta` nazzjonali, sigurta` pubblika u l-prevenzjoni u kxif ta' reati serji. Illi dawn l-ghanijiet huma ghanijiet li gew kunsidrati bhala gustifikati mill-Qorti Ewropeja (ara *Klass and Others v. Germany*). Illi ghal dak li jirrigwarda n-necessita` f'socjeta` demokratika l-esponenti jirrilevaw li dan l-element jinstab ukoll sodisfatt peress li l-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta` jahsen ghat-tip ta' reati meta jistghu isiru l-intercettazzjonijiet; it-terminu ta' validita` tal-mandat; il-kategoriji ta' persuni fuq min jista' jinhareg il-mandat; il-kategoriji ta' persuni fuq min jista' jinhareg il-mandat; x'jigri mid-data li tingabar mill-intercettazzjonijiet.

Illi l-fatt fih innifsu li l-mandat ta' intercettazzjoni ma jinharigx minn awtorita` gudizzjarja b'daqshekk ma jfissirx li l-mekkanizmu li jaseb ghalih il-Kap. 391 tal-Ligijiet ta' Malta huwa leziv b'mod awtomatiku. Infatti l-Qorti Ewropeja ddecidiet li ma kienx hemm lezjoni tal-Artikolu 8

tal-Konvenzjoni naxxenti mill-fatt li l-awtorizazzjoni ghall-intercettazzjonijiet isir minn membri tal-parlament.

Illi in kwantu r-rikorrenti jallega ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jissottomettu li dan l-artikolu jiggarantixxi process gjust u smigh xieraq fil-kuntest ta' garanziji procedurali. Mandankollu dawn l-artikoli ma jigranitixxu l-ebda dritt li persuna toggezzjona ghall-produzzjoni ta' prova partikolari izda jiggarantixxu l-jedd li persuna jkollha l-opportunita` li tiddefendi lilha nfisha fi proceduri li jigiebu kontra taghha jew li hija ggib kontra haddiehorp; li tkun assistita fil-proceduri; li tithalla tipproduci l-provi in sostenn tat-tezi taghha; li tigi trattata f'mod ugwali; u li taghmel is-sottomissjonijiet taghha. Illi dawn l-artikoli jigarantixxu biss il-protezzjonijiet procedurali necessarji sabiex parti f'kawza ssemma' lehhinha u tinghata process gjust quddiem Qrati imparzjali u indipendenti.

Illi gialadarba li dak li qieghed jilmenta minnu r-rikorrenti huwa effettivament l-ammissibilita` ta' prova, l-esponenti jissottomettu li dina l-kwistjoni tohrog il-barra mill-garanziji ta' smigh xieraq u dan stante li tirreferi ghas-sustanza tal-procedurali kriminali u mhux limitata ghall-kwistjoni ta' process gjust.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jissottmettu wkoll li s-sistema nostrana ma tabbraccjax dik li hija maghrufa bhala l-*forbidden fruit theory* u cioe` illi parti f'kawza tkun prekluza milli ggib provi jekk dawn gew ottjenuti "illegalment" jew jekk ikun hemm dubbju dwar jekk tali prova ingabitx b'mod legali li certament li mhux il-kaz fil-kaz odjern. Dan il-kuncett huwa assodat fil-gurisprudenza nostrali fil-kamp kriminali fejn l-oneru tal-prova huwa ferm aktar oghla minn dak civili.

Illi r-rikorrent jallega wkoll li l-Artikolu 18 tal-Kap. 391 huwa leziv peress li dana l-artikolu jipprojbixxi li jsiru domandi fuq l-imgieba tal-ufficjali tas-Servizz tas-Sigurta`. L-esponenti jissottomettu li jekk fil-fehma ta' dina l-Onorabbli Qorti dana l-artikolu jikkostitwixxi interferenza madankollu huwa car li tali interferenza hija wahda u necesarju f'socjeta` demokratika sabiex tipprotegi s-sigurta` pubblika u l-eghmil ta' delitti. Illi certament li l-invokar ta' lezjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq naxxenti mil-artikolu 18 tal-Kap. 391 ma tregix u dan stante li dana l-artikolu mhuwiex intiz sabiex jipprovdi garanziji sustantivi tad-dritt penali izda biss garanziji procedurali. Illi dak li qieghed jallega r-rikorrenti huwa mistoqsijiet dwar il-mandat u kxif ta' delitti liema kwistjonijiet jaqghu fl-ambitu ta' ammissibilita` ta' provi u apprezzament tal-istess liema kwistjonijiet jezorbitaw dak li jigarantixxi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

5. Illi jsegwi li dina l-lanjanzi u t-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

7. Bl-ispejjez."

Rat ir-risposta tal-intervenuti fil-proċeduri tal-avukat Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia (l-intervenuti) li permezz tagħha ssottomettew is-segwenti u ċioe':

"**Eccezzjonijiet Preliminari**

1. Illi ghal kull lanjanza mressqa mir-rikorrent fir-rikors promotorju, l-istess rikorrent ghad ghandu rimedju ordinarju u dan fuq zewg binarji: fl-ewwel lok l-allegata nuqqas ta' legalita tal-intercettazzjonijiet tista' titressaq u fil-fatt tressqet bhala eccezzjoni quddiem il-Qorti Kriminali li ghandha l-gurisdizzjoni originali li tiddetermina dik il-kwistjoni in kwantu jispetta lil dik il-qorti ordinarja li tara li l-provi mressqa quddiemha huma skond il-ligi jew le; fit-tieni lok l-ammissjoni jew le ta' kull prova u xhieda li ssemmi tali intercettazzjonijiet hija kwistjoni li ukoll tista' tigi eccepita u hekk giet eccepita mir-rikorrent quddiem il-Qorti Kriminali liema qorti ordinarja ukoll ghandha l-gurisdizzjoni originali li tiddetermina tali kwistjoni;

2. Illi in kwantu tali lanjanzi tressqu quddiem dina l-Onorabbli Qorti qabel ma thalliet il-Qorti Kriminali tiddetermina dawk il-kwistjonijiet skond il-ligi, ir-rikorrent qieghed jabbuza mill-proceduri ta' natura kostituzzjonali billi filwaqt li ghandu eccezzjonijiet f'dan is-sens quddiem il-Qorti Kriminali (liema qorti diga bdiet tisma lill-partijiet) huwa qieghed jadixxi lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex hi ukoll taghti decizjoni meta l-ewwel obbligu sabiex jinghata rimedju jispetta lil Qorti Kriminali li jibqa' fuqha l-ewwel obbligu biex tassigura li l-process li qieghed quddiemha jitmexxa skond il-ligi;

3. Illi ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita d-diskrezzjoni taghha u dan skond il-proviso ghal-artikolu 46(2), billi sew il-lanjanzi tar-rikorrent dwar l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni kif ukoll dwar l-artikolu 6 ghandhom opportunita li jigu rimedjati mill-Qorti Kriminali li lilha jispetta l-ewwel stharrig dwar l-illegalita o meno, u dan sew jekk l-illegalita hija bbazata fuq l-allegazzjoni ta' jekk l-allegati intercettazzjonijiet sarux skond il-ligi, sew jekk tista' titressaq prova dwarhom jew relatata maghhom fil-process kriminali;

4. Illi, in oltre, in kwantu l-lanjanza tar-rikorrent huma kollha relatati mal-ammissibilita o meno, u mal-illegalita o meno tal-allegati intercettazzjonijiet, dawn il-lanjanzi huma intempestivi u ghandhom jigu michuda billi dak kollu li jifforma parti minn process kriminali ghandu jigi mistharreg minn qorti bil-gurisdizzjoni bhal dik ta' dina l-Onorabbli Qorti wara li l-process penali jkun sehh u dan ghaliex l-ewwel obbligu li

jassigura li dak il-process penali huwa xieraq jinkombi fuq il-Qorti Kriminali u allegazzjoni dwar nuqqasijiet li jkunu sehhew f'tali process ghandhom jigu mistharrga minn dina l-Onorabbli Qorti biss f'gheluq il-proceduri penali;

5. Illi in oltre kemm-il darba r-rikorrent qieghed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tissindika l-lanjanzi tieghu qabel ma jaghti cans lil Qorti Kriminali tiddeciedi dwar l-illegalita u ammissibilita tal-allegati intercettazzjonijiet, huwa qieghed jitlob minn dina l-Onorabbli Qorti ezercizzju akkademiku, liema ezercizzju dina l-Onorabbli Qorti ma ghandix twettaq u dan billi ghal kull lanjanza r-rikorrent ghad ghandu rimedju ordinarju quddiem il-Qorti Kriminali;

**Eccezzjonijiet fil-Mertu**

6. Illi l-ilmenti tar-rikorrent hekk kif huwa stess ressaq fir-rikors promotorju jidher li huma bbazati fuq allegata vjolazzjoni ta' zewg drittijiet fundamentali u cioe dak tal-artiklu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta u dak l-artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni;

**Vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea**

7. Illi l-ilmenti dwar l-allegata vjolazzjoni tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni huma pretensjonijiet dwar:

    i. li l-allegati intercettazjonijiet telefonici kienu qeghdin isiru b'mod illegali (paragrafu 2.2 tar-rikors promotorju);

    ii. li jekk l-allegati intercettazzjonijiet telefonici saru legalment Kapitolu 391 tal-Ligijiet ta' Malta ma jipprovdix b'mod car bizzejjed dwar id-diskrezzjoni tal-Kap tas-Servizzi ta' Sigurta u ma jipprovdi l-ebda salvagwardji kontra l-possibilita ta' abbuz mill-istess Kap (paragrafu 2.3 tar-rikors promotorju);

    iii. li Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta huma nieqsa fir-rigward ta' "*legislazzjoni u regolamenti detteljati u specifici dwar id-diskrezzjoni tal-Kap tas-Servizzi ta' Sigurta u l-awtoritajiet l-ohra hemm imsemmija li jordnaw intercettazzjonijiet u/jew illi jitolbu l-mandat sabiex huma jkunu jistghu jaghmlu skond il-ligi tali intercettazzjonijiet u minhabba n-nuqqas ta' dispozizzjonijiet li jiddefinixxu l-iskop u l-manjiera ta' l-uzu ta' metodi ta' intercettazzjonijiet b'mod illi ma hemm xejn fil-ligi illi tissalvagwardja kontra l-possibilita ta' abbuz*" (paragrafu 2.4 tar-rikors promotorju);

8. Illi kull wahda mill-imsemmija pretensjonijiet tar-rikorrent hija infondata fil-fatt u fil-ligi u ghandha tigi michuda billi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz l-ebda wahda minn tali pretensjonijiet ma tikkostitwixxi vjolazzjoni tad-

dritt ghal hajja privata u dan billi l-allegati intercezzjonijiet telefonici saru skond il-ligi, huma mehtiega f'socjeta demokratika, ghall-interess tas-sigurta nazzjonali, sigurezza pubblika, prevenzjoni ta' reati u ghal protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ohrajn;

9. Illi l-istess artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jippermetti interferenza ma' dan id-dritt kemm-il darba dik l-interferenza hija skond il-ligi u mehtiega f'socjeta demokratika ghal *inter alia* l-interess ta' sigurta nazzjonali, sigurezza pubblika, prevenzjoni ta' reati u ghal protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ohrajn hekk kien mehtieg fic-cirkostanzi tal-kaz in kwistjoni;

10. Illi Kapitolu 391 tal-Ligijiet ta' Malta huwa att li jippermetti u jirregola b'mod car u b'certezza legali l-ghanijiet li ghalihom jistaw isiru intercezzjonijiet telefonici u b'hekk per ezempju f'artikolu 3(2) u 3(3) l-istess Att jindika b'mod car li l-funzjoni tas-Servizz hija dik li tipprotegi s-sigurta nazzjonali kontra theddid mill-kriminalita organizzata u li tagixxi fl-interess '*tas-sigurta pubblika, in partikolari, il-prevenzjoni jew kxif ta' delitti gravi*';

11. Illi l-allegati intercezzjonijiet telefonici, jekk saru, sehhew precizament ghal dawn l-iskopijiet, liema skopijiet huma ukoll mehtiega f'socjeta demokratika u ghalhekk huma gustifikati u permessi skond l-Arttikolu 8(2) tal-Konvenzjoni u ma jikkostitwixxu l-ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni;

12. Illi in oltre Kapitolu 391 tal-Ligijiet ta' Malta hija ligi dettaljata u cara li fiha kemm protezzjoni kontra abbuz kif ukoll dettalji ta' kif ghandha tigi ezercitata d-diskrezzjoni moghtija kemm mill-Kap tas-Servizz kif ukoll lil entitajiet ohra involuti fil-process li jwassal ghal tali intercezzjonijiet;

13. Illi jekk wiehed jikkunsidra per ezempju l-artikolu 4 sal-artikolu 12 ta' Kapitolu 391 tal-Ligijiet ta' Malta, wiehed isib b'mod dettaljat u car mhux biss x'inhi d-diskrezzjoni ta' kull ufficjal jew persuna hemm imsemmija izda jsib ukoll kriterji dwar kif tali diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata;

14. Illi in oltre Kapitolu 391 tal-Ligijiet ta' Malta hija ukoll ligi dettaljata u cara dwar il-protezzjoni ta' persuni minn abbuz tal-poteri moghtija lil Kap tas-Servizz kif ukoll lil persuni ohra fl-istess Att;

15. Illi jekk wiehed jikkunsidra per ezempju l-artikolu 12 u l-artikolu 13, kif ukoll l-Ewwel Skeda ta' Kapitolu 391 wiehed isib b'mod dettaljat u car procedura u struttura li mhux biss tissindika l-ezercizzju ta' diskrezzjoni mill-Kap tas-Servizz u persuni ohra, izda sahansitra tista' tissindika ukoll ilmenti;

16. Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti dwar l-illegalita, u dwar l-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-Kap tas-Servizz u ta' persuni ohra taht l-Att dwar Servizz tas-Sigurta ghandhom jigu michuda u dan billi l-istess Kapitolu 319 jaqdi

l-kriterji kollha ta' '*ligi*' kif mitlub fid-decizjonijiet tal-Qorti tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u dan billi l-kontenut ta' dak l-Att huwa car, accessibbli u jippermetti *foreseeability* u ghalhekk jilhaq dik ic-certezza legali li l-Konvenzjoni titlob, u in oltre kull diskrezzjoni moghtija f'dan l-Att hija regolata b'tali mod li taghmilha possibbli li wiehed jifhem meta jista' jkun soggett ghal intercezzjonijiet, u in oltre l-istess Att ma johloq l-ebda arbitrarjeta anzi jirregola d-diskrezzjoni u jassoggettaha ghal skrutinju, u in oltre jipprotegi lil persuna b'diversi modi fosthom billi jillimita l-iskopijiet ghal liema jistaw isiru intercezzjonijiet, jirregola d-diskrezzjoni moghtija, jassogetta dik id-diskrezzjoni ghal skrutinju u jaghti lil kull persuna l-possibilita` li jressaq ilment dwar il-hidma tas-Servizz;

17. Illi in oltre hija nfondata l-lanjanza tar-rikorrent rigward li l-awtorizazzjoni ghall-intercezzjoni ma ssirx minn awtorita gudizzjarja u dan billi dak li huwa mehtieg ma huwiex li tali awtorizazzjoni tinhareg minn awtorita gudizzjarja izda li tinhareg skond il-ligi u b'regolamentazzjoni;

18. Illi ghalhekk il-lanjanzi mressqa mir-rikorrent fir-rigward tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni ghandhom jigu michuda;

**Vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**

19. Illi l-ilment dwar l-allegata vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni huwa dwar:

    i. li l-allegati intercettazzjonijiet telefonici huma illegali u konsegwentement huma prova migbura u pprezentata b'mod illegali;

    ii. li ma gewx ezebiti l-intercettazzjonijiet telefonici u lanqas il-mandati minkejja li l-intimati ghazlu li jistriehu fuq intercettazzjonijiet bhala prova;

    iii. li la darba ma gewx prezentati, l-Qorti ma tistax tghid jekk humiex illegali;

    iv. li l-allegati intercezzjonijiet inghataw *coverage* estensiv mill-mezzi tax-xandir;

    v. li l-interpretazzjoni li l-ufficjal prosekutur jaghti ghall-allegati intercettazzjonijiet fiha nnifisha tikser id-dritt ghal smigh xieraq;

    vi. li kwalunkwe prova ohra li ngabret bhala konsegwenza hija illegali billi ngiebet bis-sahha ta' allegata prova illi inkisbet allegatament b'mod illegali;

20. Illi l-lanjanza kollha li ressaq ir-rikorrent f'paragrafu 2.5 tar-rikors promotorju u kif prezentati fil-paragrafu precedenti hawn fuq, huma

kollha lanjanzi li jolqtu l-procedura tal-process penali, liema process penali ghadu kif beda u quddiem liema kull wahda mill-istess lanjanzi tista' tigi ribaditta mir-rikorrent kif ukoll tista' tigi pprezentata bhala eccezzjoni minnu ghad-determinazzjoni tal-Qorti Kriminali. Ghalhekk f'dan ir-rigward, kull wahda minn dawn il-lanjanzi hija mhux biss intempestiva, u li ghalihom hemm rimedju ordinarju, izda tali lanjanzi la wahda wahda u lanqas flimkien ma jammontaw ghal vjolazzjoni ta' dritt xieraq u dan billi filwaqt li r-rikorrent igawdi skond il-ligi procedurali penali minn *equality of arms* u minn opportunitajiet varji ta' kif jindirizza kull wahda mill-allegati fatti, l-istess rikorrent jiskarta l-fatt li biex dawn iwasslu ghal vjolazzjoni dik il-prova tal-allegati intercezzjonijiet trid tkun l-unika prova sostantiva li fuqha huwa jigi misjub hati;

21. Illi hekk rriteniet kemm-il darba l-Qorti Ewropea, l-artikolu 6 ma jippreskrivix regoli dwar l-ammissibilita o meno ta' prova u li din il-kwistjoni hija fid-diskrezzjoni u fir-regolamentazzjoni tal-ligi nazzjonali. Inoltre ma huwiex ir-rwol ta' dik il-Qorti, u lanqas ta' Qorti b'gurisdizzjoni Kostituzzjonali, li tissindika jekk prova partikulari inkluz prova ottenuta b'mod illegali hijiex ammissibbli. Kull lanjanza fuq id-dritt tas-smiegh xieraq fir-rigward ta' provi trid tissindika jekk mehud kont tal-process penali kollu, inkluz ta' kif ingabru l-provi jekk dan kienx skond id-dritt ghal smigh xieraq. Il-Qorti Ewropea tistabilixxi illi wiehed jara jekk fid-dawl tal-process penali shih kienux gew rispettati d-drittijiet tad-difiza li jinghata cans jirribatti u jecepixxi l-illegalita u n-nuqqas ta' ammissibilita tal-prova. Il-Qorti Ewropea ukoll irriteniet illi fejn il-prova tkun qawwija u ma hemmx riskju li dik il-prova hija *unreliable* u allura l-htiega ghal prova ohra hija ferm anqas specjalment meta dik il-prova in kwistjoni ma tkunx il-prova primarja jew unika;

22. Illi ghalhekk ma ssehhx vjolazzjoni ta' smigh xieraq minn oggezzjoni ghal produzzjoni ta' prova specifika, u dan billi d-dritt ghal smigh xieraq jiggarantixxi process b'garanziji procedurali fl-intier tal-process u mhux prova specifika;

23. Illi r-rikorrent qieghed diga igawdi minn *equality of arms* fil-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali u ma hemm xejn li jista' jindika li dik il-Qorti ma hijiex se tibqa' tassigura li huwa jinghata dawk l-opportunitajiet skond il-ligi procedurali li jippermettulu l-istess drittijiet bhal dawk tal-prosekuzzjoni u li jinkludu li jressaq oggezzjonijiet u li jirribatti kull prova mressqa mill-prosekuzzjoni;

24. Illi ghal dak fejn ir-rikorrent jilmenta dwar prova konsegwenzjali ghal intercezzjonijiet telefonici, d-dritt ghal smigh xieraq ma jigix awtomatikament miksur fejn ligi procedurali tippermetti dawk il-provi jew fejn qorti tippermetti dawk il-provi, u dan ghaliex hija dik is-sistema legali fl-intier taghha li trid tigi mistharrga vis-à-vis jekk ir-rikorrent igawdix mid-drittijiet ta' difiza u minn process gust. Illi f'dan ir-rigward l-intimati ukoll jinnutaw illi fis-sistema Maltija l-grad tal-prova fuq il-

prosekuzzjoni huwa wiehed oghli b'tali mod li kull dubju f'dawk il-provi jgawdi minnu l-akkuzat;

**Vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea minn Kapitolu 391 innifsu**

25. Illi r-rikorrent f'paragrafu 2.6 tar-rikors promotorju jallega li Kapitolu 391 tal-Ligijiet ta' Malta huwa fih innifsu leziv tad-dritt ghal smigh xieraq u dan ghaliex ma fih l-ebda salvagwardja kontra abbuz da parti tal-intimati u ghaliex ma jassoggettax id-diskrezzjoni tal-Kap tas-Servizz ghal awtorizazzjoni gudizzjarja sa minn qabel ma ssir xi intercettazzjoni;

26. Illi filwaqt li l-intimati jaghmlu riferenza ghal dak li huma diga eccepew f'paragrafi precedenti jergaw itennu li:

    i. Filwaqt li d-dritt ghal smigh xieraq ma jitlobx u ma jinnecessitax li tkun awtorita` gjudizzjarja li tawtorizza jew tistharreg l-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-Kap tas-Servizz waqt li tkun qeghda tigi ezercitata dik id-diskrezzjoni, Kapitou 391 johloq regolamentazzjoni cara u preciza dwar il-limitu ta' dik id-deskrizzjoni u l-parametri f'liema trid tigi ezercitata u kif u ghaliex tista' tigi ezercitata u konsegwentement ma hemm l-ebda vjolazzjoni;

    ii. l-istess Att dwar is-Servizz Sigrit jipprovdi qafas u struttura indipendenti mill-istess Servizz u mill-persuni li jahdmu diskrezzjoni taht dik il-ligi sabiex tissindika l-ezercizzju ta' dik id-diskrezzjoni u sahanistra anke tircievi u tinvestiga ilmenti;

**Vjolazzjoni tal-Artikolu 6 u tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea mill-Artikoli 18 tal-Kapitolu 391**

27. Illi r-rikorrent jilmenta f'paragrafu 2.7 tar-rikors promotorju li l-artikolu 18 tal-Kapitolu 391 tal-Ligijiet ta' Malta jivvjola kemm artikolu 6 kif ukoll artikolu 8 tal-Konvenzjoni billi ma jippermettix li jsiru domandi fuq l-imgieba tal-ufficjali;

28. Illi la l-artikolu 6 u lanqas l-artiklu 8 tal-Konvenzjoni ma jassoggettaw kull ezercizzju ta' kull diskrezzjoni ghal stharrig minn qorti specjalment meta ma jkunx rigward xi dritt jew obbligu civili jew dwar xi akkuza kriminali;

29. Illi huwa sufficjenti kemm ghall-artikolu 6 kif ukoll ghall-artikolu 8 li jkun hemm procedura li biha diskrezzjoni tkun qed tigi sindikata u li tkun tista' tigi sindikata fuq talba ta' persuna u hekk jistabilixxi u jipprovdi Kapitolu 391 tal-Ligijiet ta' Malta;

30. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrent dwar l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 391 ma jikkostitwixxi la interferenza fid-dritt ghal smigh xieraq u lanqas interferenza ghad-dritt tal-hajja privata;

31. Illi minghajr pregudizzju, kemm-il darba dina l-Onorabbli Qorti ssib li jikkostitwixxu interferenza mal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, tali interferenza hija gustifikata, skond il-ligi, mehtiega f'socjeta demokratika u b'ghan legittimu;

32. Illi minghajr pregudizzju, kemm-il darba dina l-Onorabbli Qorti ssib li jikkostitwixxu interferenza mal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni tali interferenza hija gustifikata, proporzjonata u mehtiega, u inoltre ma tolqotx drittijiet ta' persuna fi process penali u anke kieku f'dak il-process il-persuna xorta dgawdi mid-drittijiet kolha tad-difiza;

Bl-ispejjez."

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semgħet ix-xhieda tal-persuni imressqa fil-perkors ta' dawn il-proċeduri;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet;

Fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2021 semgħet is-sottomissjonijiet verbali tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Rat li r-rikors tħalla għall-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Ir-rikorrent flimkien ma ħuh u Vincent Muscat fil-4 u l-5 ta' Diċembru 2017 ġew arrestati u mressqa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja. Huma ġew mixlija b'għadd ta' akkużi fosthom talli bil-ħsieb qatlu lil Daphne Caruana Galizia.

**2.** Wara li semgħet u għarblet il-provi kollha li tressqu quddiemha, dik il-Qorti sabet li skont il-liġi kien hemm biżżejjed provi sabiex ir-rikorrent flimkien maż-żewġ persuni l-oħra jitqegħdu taħt att ta' akkuża. Konsegwentement l-Avukat Ġenerali ħareġ l-Att ta' Akkuża inkwistjoni.

**3.** Ir-rikorrent jilmenta li minn meta inbdew il-proċeduri kontra tiegħu l-prosekuzzjoni, b'mod partikolari l-Ispettur Keith Arnaud għamlu kemm-il darba referenza għall-interċettazzjonijiet telefoniċi li allegatament għamel ir-rikorrent. Ir-rikorrent jgħid li l-prosekuzzjoni saħansitra stqarru li ma kienx għal dawn l-interċettazzjonijiet, il-Pulizija ma kienitx tasal għall-arrest tiegħu u tal-persuni l-oħrajn.

**4.** Bħala fatt ir-rikorrent jagħmel referenza partikolari għall-istqarrijiet ta' l-Ispettur Keith Arnaud. F'dawn l-istqarrijiet Arnaud tassew jgħid li bis-saħħa ta' dawn l-interċettazzjonijiet telefoniċi, li bħala fatt saru mill-intimat Kap, il-Pulizija waslet għall-arresti fuq imsemmija. Tul l-interrogazzjoni ir-rikorrent la wieġeb u l-anqas għamel xi kummenti. Jidher li baqa' jinvoka d-dritt tiegħu li ma jweġibx (ara a' fol 1 sa 8). Jirrisulta li l-imsemmi Spettur għamel ukoll emfażi partikulari fuq dawn it-telefonati fix-xhieda tiegħu fil-perkors tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-kompetenza tagħha fuq imsemmija.

**5.** Bħala fatt jirrisulta ukoll li l-interċettazzjonijiet li jissemmew qatt ma ġew esebiti materjalment u għalhekk ir-rikorrent jilmenta li dan il-fatt waħdu jġib miegħu l-konsegwenzi ta' bosta defiċjenzi probatorji li jqegħduh fi

svantaġġ fost oħrajn bi ksur tal-prinċipju ta' parita' ta' armi (*equality of arms*).

**6.** Għalhekk ir-rikorrent minħabba dan kollu ressaq l-ilment tiegħu kif imsemmi fir-rikors promotur kif fuq riprodott f'dawn il-proċeduri.

**Punti ta' Liġi**

**7.** Wara li din il-Qorti eżaminat kemm ir-rikors promotur u tweġibiet tal-intimati, l-ilmenti tar-rikorrent jistgħu jinġabru taħt tlett kapijiet:

1. Li l-interċettazzjonijiet tat-telefonati fuq imsemmija jiksru d-drittijiet fundamentali tiegħu peress li dawn qatt ma ġew esebiti u lanqas ma tressqu bħala xhieda l-persuni li ħaduhom. Dan iqiegħed lir-rikorrent fi żvantaġġ peress li ma hemmx parita' ta' armi inkwantu hu ma ser ikun qatt f'posizzjoni li jikkontrolla l-veraċita' ta' dak li jingħad li ġie interċettat.

2. Ir-rikorrent jilmenta ukoll, li meta l-intimat Kap interċetta t-telefonati inkwistjoni, dan għamlu b'mod illegali u mhux skont l-istess liġi li tippermettilu jinterċetta tali telefonati. Għalhekk, għal dan il-fatt biss, id-drittijiet tiegħu konvenzjonali ġew leżi.

3. Ir-rikorrent jilmenta ukoll li l-Kap 319 tal-liġijiet ta' Malta, u ċioe' il-liġi per se, ma hiex munita b'dawk is-salvagwardji sabiex taċċerta li ma jsirux abbużi mill-Awtorita'. Di piu', artikolu 18 tal-Kap 391 tal-liġijiet ta' Malta jittronka kull possibilita' li l-individwu jirrikorri għall-iskrutinju tal-Qrati ordinarji.

**8.** Ifisser li l-aħħar żewġ ilmenti jimmiraw għall-fatt (a) li l-intimat Kap ma mexiex kif trid **dik il-liġi** u (b) fil kwalunkwe każ **dik il-liġi** hija fiha innifisha bi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.

**9.** Għalhekk ir-rikorrent qiegħed jinvoka l-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa minn artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni anke fost oħrajn abbażi ta' dak li tgħid l-ECHR partikolarment fil-każ ta' **Malone -vs- United Kingdom**.

**Konsiderazzjonijiet**

<u>*In-non eżawriment ta' rimedji ordinarji.*</u>

**10.** Dan il-punt jitqanqal mill-intimati peress li l-Qorti kompetenti dwar dak li qed jitlob ir-rikorrent, u ċioe' l-isfilz ta' dawk il-provi li allegatament ġew ottenuti b'mod illegali, hija dik Kriminali li quddiemha qiegħed ikun mismuh il-ġuri. Għalhekk din il-Qorti qed tkun mistiedna sabiex tiddeklina li teżerċita l-poteri tagħha ai termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni.

**11.** Ai fini ta' din ir-risposta, għall-aħjar apprezzament ta' dan il-punt, jingħad li f'sens ġenerali l-ilmenti tar-rikorrent jistgħu ikunu klassifikati b'dan il-mod: dawk li qed jattakkaw il-liġi per se li tikser d-drittijiet tar-rikorrent kif imħarsa mill-Kostituzzjoni; dawk li jirrigwardaw il-ksur ta' artikolu 6 tal-Konvenzjoni inkwantu jirrigwarda dawk il-provi ottenuti illegalment u kif ukoll minħabba l-preġudizzju soffert fid-dawl ta' dak rapportat fl-istampa; u l-ksur ta' artikolu 8 tal-Konvenzjoni li jirrigwarda l-ħajja privata tar-rikorrent.

**12.** Sa fejn jirrigwarda l-ilment li l-liġi per se tikser id-drittijiet tar-rikorrent, din żgur ma hiex kwistjoni li tista' tkun deċiża mill-Qorti Kriminali. Il-validita' jew le tal-liġijiet, inkwantu jingħad li dawn huma fihom infushom anti-kostituzzjonali għaliex jiksru xi dritt fundamentali tal-bniedem, hija l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili esklussivament kompetenti biex tiddeċiedi l-kwistjoni u tagħti r-rimedji opportuni skond artikolu 46 tal-Kostituzzjoni.

**13.** Kwantu għal-lament li jirrigwarda l-ksur ta' artikolu 8, il-kwistjoni imqanqla mir-rikorrent huwa punt li ma jistax ikun deċiż mill-Qorti Kriminali.

**14.** Kwantu jirrigwarda l-ilment dwar artikolu 6, dan jista' jkun ikkunsidrat taħt żewġ aspetti. L-ewwel aspett huwa dwar il-produzzjoni ta' provi imnissla mit-teħid allegatament illegali tal-interċettazzjonijiet telekumikattivi. Fil-mori ta' dawn il-proċeduri l-Qorti tal-Appell Kriminali mmodifikat parti mir-raġunament tal-Qorti Kriminali f'dan ir-rigward. Kif ser jingħad aktar 'l isfel, dan ser ukoll ikun qiegħed rifless fir-raġunament ta' din il-Qorti. Għalhekk fid-dawl ta' dan l-iżvillupp ma hux il-każ li din il-Qorti tikkonsidra r-risposta li qed tkun trattata.

**15.** Sa fejn jirrigwarda t-tieni aspett, qed jingħad li minħabba l-pubblikazzjonijiet fil-media dwar il-viċendi kollha li kienu s-suġġett ta' rapport mill-Qorti u anke artikoli, id-dritt tal-presunzjoni ta' innoċenza tar-rikorrent ġie miksur. Dan ifisser l-materja inkwistjoni hija estraneja għal dak li qed ikun trattat quddiem il-Qorti Kriminali. Indipendentement mis-salvagwardji proċedurali kollha li jħarsu d-drittijiet tar-rikorrent fil-perkors

taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, din hija materja li ma tistax tkun deċiża minn dik il-Qorti.  Il-ksur tal-prinċipju tal-presunzjoni ta' innoċenza dwar dak li tgħid l-istampa ma tistax twassal għal dikjarazzjoni mill-Qorti Kriminali ta' ksur għal dan id-dritt fundamentali.  Żgur mhux mill-ġurija, għaliex dawn huma ġudikanti ta' fatti u lanqas mill-Imħallef togat, li għalkemm tassew għandu jiggwida lill-ġurati fuq prinċipji legali, ma jistax jiggwidahom fis-sens li nkiser dan id-dritt.  L-anqas ma hemm xi rimedju fis-sistema tal-ġuri li dak li jkun intqal barra jista' jinġabar lura salv konsegwenzi għal min jippubblika materja defamanti jew jekk tinkiser ordni ta' divjet ta' pubblikazzjoni.

*Il-ksur fil-mertu*

**16.** Din il-Qorti tibda biex tosserva li l-materja dwar interċettazzjonijiet telefoniċi mis-Servizz tas-Sigurta' u l-użu tagħhom fi proċeduri penali, hija waħda taħraq u diskussa ħafna fil-kamp tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.  Huwa rikonoxxut li l-liġijiet li jissanzjonaw dawn ix-xorta ta' investigazzjonijiet iridu jkunu fihom infushom karratteristikament nieqsa mit-trasparenza, altrimenti ma jkunx hemm skop għalihom.  L-investigazzjonijiet li jagħmel is-Servizz tas-Sigurta' ta' kull pajjiż ma jkun sigrieta xejn jekk isiru bil-mod ordinarju bħal fil-każ ta' rejati ordinarji oħrajn. L-oġġettivi tal-liġi li tirregola din il-materja huma dawk elenkati f'artikolu 3(2) u (3) tal-Kap 391 tal-liġijiet ta' Malta.

**17.** Dan huwa element li jista' jikkontrasta mal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u s-saltna tad-Dritt f'Soċjeta' demokratika.

Għalhekk huwa rikonoxxut, li għandu jintlaħaq bilanċ, bejn il-ħarsien tal-kollettivita' u d-drittijiet fundamentali tal-individwu, b'mod li ebda wieħed minn dawn id-drittijiet ma jiġi sagrifikat fuq l-altar ta' wieħed jew l-ieħor minn dawn id-drittijiet. Fil-fatt l-awturi dwar il-materja jgħallmu hekk:

*"This is an area where a balance has to be found between the State interest and individual privacy. It is concerned with right to informational autonomy, the right to control what information is available about oneself. It is also concerned the need of the State to protect itself and its citizens and by definition democracy. In this field the ECHR has been most influential and the ECHR in its jurisprudence has given extensive guidance on the balance between individual privacy and State interests."* (ara **O.Hood Philips and Jackson; Constitutional ans Administartive Law; 8th ED; para 26-013**).

**18.** Fil-fatt l-ECHR tirrikonoxxi dan id-dritt tal-Istat meta qalet li *"Democratic societies nowadays find themselves threatened by highly sophisticated forms of espionage and by terrorism, with the result that the State must be able, in order effectively to counter such threats, to undertake the secret surveillance of subversive elements operating within its jurisdiction. The Court has therefore to accept that the existence of some legislation granting powers of secret surveillance over the mail, post and telecommunications is, under exceptional conditions, necessary in a democratic society in the interests of national security and/or for the prevention of disorder or crime."* ( Ara **Klass and Others v. Germany, § 48**).

**19.** Għalhekk sakemm tkun qed tiġi osservata liġi ċara u li tipprovdi għal dan il-bilanċ, ma hemmx xkiel assolut li jżomm lill-Istat milli jiġbor informazzjoni b'mezzi u metodi li ma humiex daqstant ortodossi.

**20.** Irridu dejjem niftakru li fil-waqt li fid-dinja tal-kriminal ma jesistu ebda regoli fil-mod kif għandu jġib ruħu fil-kommissjoni ta' rejati, mhux hekk fil-każ tal-Istat fil-ġlieda kontra l-kriminalita'. L-Istat huwa ċċirkondat b'foresta fitta ta' liġijiet ta' kif għandu jikkumbatti l-kriminalita'. L-Istat ma jistax jaqbeż il-linja ta' legalita'għaliex kif appena jagħmel hekk ikollu jwieġeb u jagħti rendikont għal għemilu lil dawn il-Qrati. Għalhekk huwa ġustifkabbli, li liġijiet bħal Kap 391 tal-liġijiet ta' Malta huma maħsuba mhux biex jeliminaw, iżda li jnaqqsu mill-iżvantaġġ li għandu l-Istat fil-każijiet ta' prevenzjoni u/jew skoperta ta' rejati partikolari.

**21.** Skont it-tagħlim tal-ECHR "*When balancing the respondent State's interest in protecting its national security through secret surveillance measures against the seriousness of the interference with an applicant's right to respect for his or her private life, the national authorities enjoy a certain margin of appreciation in choosing the means for achieving the legitimate aim of protecting national security. However, there must be adequate and effective safeguards against abuse. The Court thus takes into account the circumstances of the case, such as the nature, scope and duration of the possible measures, the grounds required for ordering them, the authorities competent to authorise, carry out and supervise them, and*

*the kind of remedy provided by the national law* (**Roman Zakharov v. Russia [GC], § 232; İrfan Güzel v. Turkey, § 85**).

**22.** Huwa fid-dawl ta' dan it-tagħlim li din il-Qorti ser tqis u tiżen l-ilmenti tar-rikorrent kif fuq elenkati. Il-Qorti ser tipproċedi billi l-ewwel tittratta l-ilment tar-rikorrent dwar jekk l-aġir tal-intimati kisrux id-drittijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa minn artikolu 6 u 8 tal-Konvenzjoni. Fit-tieni lok ser tkun qed titratta l-aspett dwar jekk il-liġi *per se*, **anke jekk osservata**, tiksirx xorta dawn id-drittijiet jew xi wieħed minnhom. Għalhekk kwantu għall-ewwel aspett dan jirrigwarda konsiderazzjoni suġġettiva mentri t-tieni aspett ser jitqies mill-aspett oġġettiv.

***L-aġir tal-intimati u artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni.***

**23.** Dan l-aġir jirrigwarda l-mod kif ittieħdu u l-użu tal-interċettazzjonijiet telekomunikattivi tar-rikorrent. Il-Qorti tibda biex tistqarr li wara li fliet u kkunsidrat il-provi li għandha quddiemha ħassitha kemmxejn perturbata. Għalhekk ħasbet fit-tul dwar dan l-aspett partikulari tal-lanjanzi li għandha quddiemha.

**24.** Meta fil-kors ta' dawn il-proċeduri tressaq il-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta' u ġie mistoqsi dwar il-mandat li bis-saħħa tiegħu saru l-interċettazzjonijiet lamentati, dan oġġezzjona li jixhed u insista li l-liġi ma tippermettilux jagħmel dan. Huwa pero' indubitat li s-sistema Maltija, li hija imfassla fuq dik Ingliża, tħaddan bħala l-akbar garanzija l-prinċipju tas-saltna tad-dritt. L-awturi ingliżi **Wade & Forsyth** josservaw dan:

*"The British Constitution is founded on the rule of law, and administrative law is the area where this principle is to be seen in its most active operation. The rule of law has a number of meanings and corollaries. Its primary meaning is* that everything must be done according to law. *Applied to the powers of government, this requires that every government authority which does some act which would otherwise be a wrong (such as taking a man's land), or which infringes a man's liberty (as by refusing him planning permission), must be able to justify its action as authorised by law – and in nearly every case this will mean authorised by Act of Parliament.* Every act of governmental power, i.e every act which effects the legal rights , duties , or liberties of any person must be shown to have a strictly legal pedigree*."* (Emfażi ta' din il-Qorti . **Wade & Forsythe , Adminstrative Law; 8th Edt; pg 21**).

**25.** Minn dan il-passaġġ jemerġu żewġ punti importanti. Li dawn il-Qrati qatt ma jistgħu jkunu miżmuma li jissindikaw l-aġir tal-Istat, anke jekk liġi ordinarja espressament tipprovdi għal din l-esklużjoni. F'dan il-każ esklużjoni bħal din għandha dejjem titqies bħala pro non scripta. Propju inkonnessjoni ma' vertenza simili, il-Qrati tagħna kienu ċari u univoċi dwar dan il-punt meta qalu hekk:

*"Il-qorti tifhem illi l-prinċipju ewlieni li għandu jirregola din il-vertenza essenzjalment huwa illi fi stat ta' dritt ma hemm ebda setgħa pubblika li ma hijiex ġejja mil-liġi, illi kull setgħa pubblika għalhekk għandha tiġi eżerċitata kif tgħid u trid il-liġi, u illi l-organu li huwa fdat mill-Kostituzzjoni bil-*

*<u>ġurisdizzjoni biex jara jekk il-liġi tħarsitx – u jekk setgħa ġietx effettivament eżerċitata kif tgħid u trid il-liġi jew le – hija l-qorti.</u> Il-kelma ta' uffiċjal pubbliku li hu mexa kif trid il-liġi ma hijiex biżżejjed biex ixxejjen din il-ġurisdizzjoni tal-qorti u biex iċaħħad lill-individwu mill-jedd ta' aċċess għall-qorti – jedd garantit taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.*

*Għalhekk kull dispożizzjoni ta' liġi li tagħti setgħa pubblika għandha tinqara u tiftiehem fid-dawl ta' dan il-prinċipju kostituzzjonali u kull interpretazzjoni li tmur kontra dan il-prinċipju – fil-każ tallum, kull interpretazzjoni li żżomm lill-qorti milli tistħarrreġ dwar jekk il-Kap tasServizz tas-Sigurtà kellux mandat jew, għax ma kellux mandat, mexiex bi ksur tal-liġi – hija jew interpretazzjoni ħażina jew inkella interpretazzjoni tajba ta' liġi antikostituzzjonali.*

*Billi l-preżunzjoni hija illi l-leġislatur ma jgħaddix liġijiet li jiksru l-Kostituzzjoni, il-qrati ordinarji għandhom dejjem ifittxu li jagħtu lil-liġi ordinarja interpretazzjoni konformi mal-Kostituzzjoni u, meta dan ma jkunx possibbli, għandhom jagħmlu referenza lill-qorti ta' kompetenza kostituzzjonali.*

*(omissis)*

*<u>Jekk il-qorti ma jkollhiex is-setgħa li tordna li jintwera l-mandat, u għalhekk li tara jekk il-liġi tħarsitx jew le, il-Kap tas-Servizz tas-Sigurtà jkun tqiegħed 'il fuq mil-liġi, ħaġa li żgur ma setgħetx tgħaddi minn moħħ leġislatur</u>*

*<u>xewqan li jħares il-Kostituzzjoni, għax huwa assjomatiku illi fi stat ta' dritt ħadd ma hu 'l fuq mil-liġi. Interpretazzjoni tal-liġi f'dak is-sens tkun bilfors interpretazzjoni ħażina.</u>"* (Emfażi ta' din il-Qorti. Ara **Sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-24 ta' Frar, 2012 fl-ismijiet Avukat Ġenerali v. Kap tas-Servizz tas-Sigurta` et**).

**26.** Għalhekk ifisser ukoll li, ġaladarba dawn il-Qrati għandhom dan id-dritt inderogabbli, meta jiġu aditi huma fl-obbligu li jaraw li kull Awtorita' tal-Istat tieħu deċiżjonijiet li jkunu sagramentalment konformi mad-dettami tal-liġi u li fejn dawn ma jkunux ċari huwa d-dominju esklussiv ta' dawn il-Qrati li jinterpretawhom. Din hija l-essenza tal-prinċipju tas-saltna tal-liġi inkwantu jirrigwarda l-applikazzjonijiet tal-liġijiet.

**27.** Din il-Qorti tfakkar li kif anke jemerġi mis-Sentenza ċitata, il-Qrati Maltin huma krejaturi Kostituzzjonali. Bħali tali, għandhom il-poter assolut fdat lilhom mill-Kostituzzjoni lijannullaw anke liġi tal-Parlament aħseb u ara kemm aktar jiskrutinaw l-aġir ta' xi Awtorita'. Għalhekk il-Qrati għandhom il-fakulta' li toriġina mill-Kostituzzjoni sabiex jassiguraw is-saltna tad-dritt indipendentement mill-istatura soċjali jew politika ta' dawk li jidhru quddiemha. Propju għalhekk jingħad li jingħad li l-Ġustizzja hija għamja.

**28.** Dan ifisser, li qabel kull ħaġa oħra, l-ewwel konsiderazzjoni li trid tagħmel din il-Qorti tirrigwarda l-legalita' tat-teħid tal-interċettazzjonijiet imsemmija mir-rikorrent u ċioe' jekk dawn ittieħdux skond il-liġi. Dawn huma l-istess interċettazzjonijiet li skont l-Ispettur Keith Arnaud semma' lir-

rikorrent waqt l-interrogatorju u, l-uffiċjal inkwistjoni, assoċjahom mal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia (a' fol 260).

**29.** Ipotetikament jistgħu jirrikorru żewġ sitwazzjonijiet ta' irregolaritajiet f'dan ir-rigward. Li ma jkun hemm ebda mandat jew jekk ikun hemm, ma jkunx intuża għall-iskop li jkun ottenut. L-artikolu rilevanti tal-liġi f'dan ir-rigward, huwa 6(2) tal-Kap 391 tal-liġijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:

*"2) Ebda interċettazzjoni ta' jew interferenza ma' komunikazzjonijiet fil-kors tat-trasmissjoni tagħhom bil-posta jew bil-mezz ta' sistema ta' radjokomunikazzjoni jew ta' telekomunikazzjoni jew b'kull mezz ieħor ma għandu jkun kontra l-liġi <u>jekk dan jiġi awtorizzat b'mandat maħruġ mill-Ministru bis-saħħa ta' dan l-artikolu</u>"* (Emfażi tal-Qorti)

**30.** Minn dan l-artikolu huwa ċar daqs il-kristall li *a' contrariu sensu*, meta ma jkunx hemm tali mandat għandu loġikament u legalment isegwi li kull interċettazzjoni hija kontra l-liġi. Jistgħu jirrikorru żewġ sitwazzjonijiet ta' irregolaritajiet f'dan ir-rigward. Dik fejn ma jkun hemm ebda mandat jew dik fejn jekk ikun hemm, pero' ma jkunx jintuża għall-iskop li jkun inħareġ jew skond dak li tgħid il-liġi.

**31.** Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet din il-Qorti naqqiet sewwa l-fatti kif irrisultawlha mill-provi prodotti. Fost dawn ikkunsidrat li x-xhieda li l-aktar titfa' dawl fuq din il-kwistjoni partikolari **f'dawn il-proċeduri** hija dik tal-Ex-Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar u dik ta' Joseph Bugeja

l-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta'. Fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2020 l-avukat tar-rikorrent staqsa lill-konvenut Kummissarju hekk:

"**Dr. William Cuschieri**: *All right. Dwar l-omicidju ta' Daphne Caruana Galizia , jekk joghgbok , u dwar George Degiorgio , kienx sar xi rapport simili ghal assitenza tal-MSS?*

**Xhud**: *Jiena bil-gurament tieghi u sakemm niftakar jien, l-uniku rapport li sar fuq intercettazzjonijiet*

**Dr. William Cuschieri** : *ta' George Degiorgio*

**Xhud**: *huwa dak <u>tal-20 ta' Frar tal-2017."</u>* (Emfażi tal-Qorti).

Din il-parti tax-xhieda tal-konvenut Kummissarju ġiet ikkorroboratha b'dik ta' Joseph Bugeja fis-seduta ukoll tat-8 ta' Jannar 2020:

"**Dr.William Cuschieri** : *Il-Warrant meta inhareg?*

**Xhud:** *Id-dati ezatti ma nafx , pero' <u>jekk dak ir-request sar fi Frar , nimmagina illi 'l ghada hareg il-warrant</u>.*" (Emfażi tal-Qorti).

**32.** Jirrisulta li dan il-warrant baqa' ma ġiex esebit. F'dan ir-rigward, din il-Qorti ma tistax ma tagħmilx referenza għal dak li qalet **il-Qorti tal-Appell Superjuri fis-Sentenza tagħha tal-20 ta' Lulju 2020** b'konsegwenza ta' appell minn digriet ta' din il-Qorti f'dawn il-proċeduri:

"*35. Pero` jibqa' l-fatt li l-Kap tas-Servizz tas-Sigurta` innifsu xehed li inħareġ mandat taħt il-provvedimenti tal-Kap. 391. Dan apparti li Lawrence Cutajar, li meta xehed kien Kummissarju tal-Pulizija, ikkonferma li fis-17 ta'*

*Frar 2017 kien għamel talba lis-Servizz tas-Sigurta` dwar ir-rikorrent (fol. 263 a tergo). Il-Qorti fehmet li t-talba kienet proprju sabiex isiru interċettazzjonijiet. Dwar x'investigazzjoni mhux magħruf.*

*36. Dan ifisser li ġie żvelat mill-intimat innifsu li kien inħareġ mandat. Kif diga` osservat, skont il-liġi f'proċess ġudizzjarju għandha titressaq l-aħjar prova. Alternattivament niġu f'sitwazzjoni fejn persuna tista' tgħid li trid mingħajr l-obbligu li tissostanzja dak li tgħid. Il-mandat hu l-aħjar prova li bih ix-xhud Joseph Bugeja jissostanzja dak li xehed. Dan wara li kien hu stess li xehed li inħareġ mandat kontra r-rikorrent. Fiċ-ċirkostanzi ma jistax issa l-Kap tas-Servizz tas-Sigurta` wara li xehed li l-interċettazzjonijiet saru wara li nħareġ mandat, jinqeda bid-dispożizzjonijiet tal-liġi sabiex jevita milli jressaq l-aħjar prova li dak li sar hu skont il-liġi.*

*37. Ovvjament jekk l-intimat jonqos milli jippreżenta l-mandat relattiv bir-rekwiżiti kollha li trid il-liġi,* **ikun ifisser li ma ġabx il-prova li l-interċettazzjoni saret skont il-liġi**, bil-*konsegwenzi kollha li tali nuqqas jista' jġib miegħu."* (Emfażi tal-Qorti).

**33.** Bi pronunzjament bħal dan din il-Qorti setgħet waqfet hawn dwar dan l-aspett tal-ilment. Pero'din il-Qorti temmen li huwa obbligu tagħha li tamplifika aktar biex l-affarijiet ikunu ċari. L-anqas li kieku ried, il-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta' ma setax jesebixxi dan il-mandat b'relazzjoni mal-assassinju ta' Daphne Caruna Galizia. Dan għaliex ma kienx hemm mandat. Fl-ewwel lok, l-unika talba li saret lill-intimat Kap mill-intimat

Kummissarju ma setgħetx kienet relatata mad-delitt li qed ikun addebitat bih ir-rikorrent.

**34.** It-talba mill-intimat Kummissarju saret fi Frar tal-2017 meta omiċidju seħħ ben tmien xhur wara ! F'dan qed jingħad sakemm ma kienx hemm xamma li l-Pulizijia kienet diġa' kellha indizji li r-rikorrent kien qed jippjana li jikkommetti dan ir-rejat. Mill-provi minn imkien ma jirrisulta li dan kien il-każ. Dak li ntalab fi Frar kien konness ma rejati oħrajn. Difatti l-Ispettur Keith Arnaud jixhed hekk:

"*Jien stess kont ghamilt rapport sur Imhallef , iktar kmieni dik is-sena fil , jekk m'inix sejjer zball. Fl-20 ta' Frar fejn is-Sur Degiorgio fost qasmiet ohrajn tlabt iva l-ghajnuna tas-servizzi tas-sigurta; biex jigi monitored minhabba investigazzjonijiet ohrajn. Jien kont tlabtha jiena stess dik. Kont ghaddejt rapport lill-Kummissarju tal-Pulizija*" (a' fol 251 tergo u 252).

**35.** Din l-osservazzjoni qed issir fid-dawl ta' dak li qalet l-ECHC inkwantu x'jiġġustifika li jsiru interċettazzjonijiet u ċioe' li *"…the importance of an authority empowered to authorise the use of secret surveillance being capable of verifying "**<u>the existence of a reasonable suspicion against the person concerned,</u>** in particular, whether there are factual indications for suspecting that person of planning, committing or having committed criminal acts or other acts that may give rise to secret surveillance measures "* (Emfażi tal-Qorti . Ara **Roman Zakharov v. Russia [GC], § 260; Dragojević v. Croatia, § 94** ).

**36.** Jekk minn naha l-oħra kien hemm xi xorta ta' mandat li ħareġ fi Frar tal-2017, allura dan kien skada. Il-Kap tas-Servizzi stess xehed li l-mandat kien għal żmien sitt xhur. Mhux għaliex kien hemm bżonn li jgħidha dan ix-xhud, peress li artikolu 8(2) u (3) tal-Kap 391 jiddisponi bl-aktar mod ċar is-segwenti:

*(1) Mandat ma għandux jinħareġ jew jiġi mibdul ħlief –*

*(a) bil-miktub mill-Ministru; jew*

*(b) f'każ urġenti meta l-Ministru iku espressament awtorizza l-ħruġ tiegħu jew li jsir tibdil fih u dikjarazzjoni ta' dak il-fatt tiġi reġistrata fuqu, bil-miktub minn uffiċjal tal-Gvern anzjan.*

*(2) Kemm-il darba mandat ma jiġġeddidx skont ma hemm fis-subartikolu (3), dan għandu jtemm milli jibqa' jseħħ –*

*(a) jekk il-mandat kien inħareġ bil-miktub mill-Ministru,* ***<u>meta jintemmu sitt xhur</u>*** *li jkunu bdew għaddejjin fil-jum meta l-mandat ikun inħareġ; u*

*(b) f'kull każ ieħor, fi tmiem iż-żmien li jintemm mat-tieni jum tax-xogħol li jiġi wara dak il-jum.* (Emfażi tal-Qorti).

**37.** Fost oħrajn, din il-parti tal-liġi hija konformi mat-tagħlim tal-ECHR. Di fatti kwantu għad-durata ta' żmien u kontrolli din il-Qorti qalet hekk:

*"Duration of surveillance: the question of the overall duration of interception measures may be left to the discretion of the authorities responsible for issuing and renewing interception warrants, provided that adequate*

*safeguards exist, such as a clear indication in domestic law of the period after which an interception warrant will expire, the conditions under which a warrant can be renewed and the circumstances in which it must be revoked". (***Ara Roman Zakharov v. Russia**).

**38.** B'dan l-artikolu, il-liġi timmira lejn dak il-bilanċ imsemmi aktar 'l fuq bejn il-ħtieġa ta' liġi bħal din u d-drittijiet tal-individwu. Mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti jirriżultaw żewġ affarijiet. Jibqa' l-fatt li f'din il-Kawża dan il-mandat baqa' ma ġiex esebit u li lanqas ma ġie eżebit fil-proċeduri kumpilatorji, bil-konsegwenza li dan il-fatt jista' jġib miegħu fil-proċeduri li illum hemm pendenti quddiem il-Qorti Kriminali u dan kif aċċennat aktar 'l fuq il-Qorti tal-Appell fir-rigward ta' digriet mogħti minn din il-Qorti fl-atti ta' dawn il-proċeduri. Mill-apprezzament li għamlet din il-Qorti jidher, li l-anqas fl-istadju tal-ġuri ma hu ser ikun possibbli li jiġi esebit dan il-mandat minħabba regoli ċari tal-proċedura dwar il-provi li jistgħu jkunu ammessi, li ma hiex kompetenza ta' din il-Qorti li tidħol fihom.

**39.** F'dan id-dawl il-ECHR, f'ċirkostanza fejn l-interċettazzjonijiet saru bi ksur tal-liġi sabet li kien hemm ksur ta' artikolu 8 tal-Konvenzjoni (Ara **Malone -vs- United Kingdom** u kif ukoll **Khan -vs- United Kingdom**). Li tkun konformi mal-liġi ma jfissirx biss li Awtorita' trid toqgħod mal-liġi iżda tfisser ukoll li l-liġi fiha nnifisha trid tkun tali li tirrispetta l-prinċipju tas-saltna tal-liġi (ara **Halford -vs- United Kingdom**). Minn dan jinstilet l-argument mela kemm aktar hemm ksur tal-prinċipju meta l-liġi nnifisha ma tkunx osservata mill-Awtorita!

**40.** Di fatti fis-Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Settembru 2020 fl-ismijiet ir-Repubblika -vs- George Degiorgio et ukoll relatata ma' dawn il-proċeduri u mogħtija fil-mori tal-istess, il-Qorti ħasset li kellha tgħid is-segwenti:

*"Il-pern tal-kwistjoni allura hu jekk l-allegata illegalita' fl-intercettazzjoni ta' telefonata konsistenti fl-eghmil taghha meta mhux awtorizzata skond il-ligi, ghandhiex tithalla tipperpetwa ruhha fi proceduri kriminali kontra l-appellanti billi deposizzjoni dwarha tithalla ssir quddiem il-guri daqs li kieku l-intercettazzjoni saret skond il-ligi……………*

*Huwa bil-wisq manifest illi dak li ddepona l-Ispettur ifisser illi t-telefon tal-akkuzat George Degiorgio kien qieghed taht osservazzjoni sa minn qabel l-ispluzjoni tal-vettura li fiha kienet tinsab Caruana Galizia. Huma bosta l-inferenzi li jistghu jkunu misluta minn dawn id-deposizzjonijiet, pero, apparti dan,* **la darba ma jistax aktar ikun esebit il-mandat li kien awtorizza dik l-intercettazzjoni, wisq anqas l-allegata registrazzjoni li dwarha xehed l-Ispettur, allura ghaliex ghandha l-Qorti tippermetti li jsiru tali dikjarazzjonijiet quddiem il-gurati?***"* (Emfażi ta' din il-Qorti). Per konsegwenza l-Qorti ordnat l-isfilz ta' parti mix-xhieda tal-Ispettur Keith Arnaud. Ordnat ukoll li dan ix-xhud ma għandu jagħmel ebda referenza għall-interċettazzjonijiet u reġistrazzjoni tagħhom **fil-partijiet indikati mir-rikorrent f'dawk il-proċeduri**.

**41.** Meta dik il-Qorti pronunzjat ruħha b'dan il-mod, ċertament kellha f'moħħha li tassigura li l-fatti li għandhom jisimgħu u jqiesu l-ġurati ikunu diġa' ġew epurati bl-isfilz tad-dikjarazzjonijiet tal-Ispettur Arnaud b'referenza għall-interċettazzjonijiet imsemmija u b'hekk ma jkun hemm ebda preġudizzju a' skapitu tal-prinċipju ta' smiegħ xieraq. Di fatti bir rimedju mogħti minn dik il-Qorti uħud mill-ilmenti tar-rikorrent ġew newtralizzati.

**42.** Fost oħrajn dak li ma kienx ser ikun hemm "*equality of arms*", għaliex b'konsegwenza tal-isfilz imsemmi ġiet newtralizzata kull biżgħa li seta' kellu r-rikorrent dwar in-nuqqas ta' kontroll minħabba li tali interċettazzjonijiet ma ġewx esebiti jew it-telfien li jikkontroeżamina lil min għamilhom fil-kors tal-proċeduri kontra tiegħu (ara para (a), (b), (c) u (e) tar-rikors promotur a' fol 12 u 13). Dan ifisser ukoll, li fid-dawl ta' dan l-isfilz ir-rikorrent ma jistax jilmenta aktar li ma hux ser ikollu smiegħ xieraq fir-rigward tal-lamenti f'dawn il-paragrafi. Dwar lamenti oħrajn li jirrigwardaw ksur tal-artikolu 6 u ċioe' nuqqas ta' smiegħ xieraq, minħabba kummenti preġudizzjali fil-media, il-Qorti ser tkun qed tipprovdi aktar 'l quddiem f'din is-Sentenza.

**43.** Sa fejn jirrigwarda artikolu 8, il-kwistjoni hija ta' xejra legali oħra. Dan l-artikolu jiddisponi li:

(*1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*

*(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief* ***dak li jkun skont il-liġi*** *u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biexjiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet ulibertajiet ta' ħaddieħor.*" (Emfażi tal-Qorti).

**44.** La darba ġie manifestament stabbilit li l-interċettazzjonijiet saru b'mod għall-aħħar irregolari, għaliex ma kienx hemm il-mandat, fid-dawl tas-suespost din il-Qorti hija tal-fehma li d-dritt fundamentali tar-rikorrent kif imħares minn artikolu 8 tal-Konvenzjoni ġie tassew leż. Dan mhux każ fejn mandat jesisti u qed tkun attakkata d-diskrezzjoni tal-konvenut Kap fl-użu tiegħu jew qed ikun allegat li l-iskop li għalih inħareġ ma hux konformi mal-liġi.

**45.** Fis-sitwazzjoni li għandha quddiemha l-Qorti l-mandat huwa inesistenti. Il-Qorti tosserva li artikolu 8(2) jipprejambola bin-negazzjoni lill-Istat li jimpedixxi liċ-ċittadin milli jeżerċita dan id-dritt. L-indħil mill-Istat huwa eċċezzjonalment konċess (a) ħlief jekk ikun wieħed li <u>sar skont il-liġi</u> **u** (b) għall-kategoriji tal-interessi espressament imsemmija minn dan is-subartikolu. Dawn iż-żewġ elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Ir-regola ġenerali hi li ma jistax ikun hemm indħil. L-indħil huwa eċċezzjoni. Nieqsa waħda minn dawn l-elementi, l-Istat ikun qed jikser instantanjament id-dritt fundamentali tal-individwu kif imħares minn artikolu 8 tal-artikolu tal-Konvenzjoni.

**46.** Fil-fehma tal-Qorti, dan il-ksur huwa aċċentwat mill-fatt li dawn l-interċettazzjonijiet ġew saħansitra riportati f'bosta kwartieri tal-media, ġieli anke b'mod ikkulurit, kemm lokali u kif ukoll barranin. Di fatti fil-ħarġa tal-Malta Independent tas-6 ta' Diċembru 2017, meta r-rikorrent flimkien ma' oħrajn tressaq l-ewwel darba l-Qorti, ġie rapportat li "*Sources close to the investigation said that suspects could have been located through phone calls between them…" (*A' fol 137 u 138).

**47.** L-istess gazzetta fit-8 ta' Diċembru 2017 reġgħet irraportat li "*La Republika reports that George Degiorgio realised he had no credit on the phone he used to send the SMS that triggered the device. Degiorgio, who was at the times on a cabin cruiser waiting, used another mobile phone to get a top-up*" (a' fol 139). Jekk ma tridx l-istess kien riprodott fil-ħarġa tat-12 ta' Diċembru 2017 din id-darba "*According to details leaked to the Italian media and later confirmed by the Police*…"(a' fol 141). Dan kollu meta l-prosekuzzjoni kienet għadha ma bdietx bil-provi.

**48.** Kien aktar tard f'Diċembru 2017 li bdew ħerġin id-dettalji b'mod formali meta beda s-smiegħ tal-kumpilazzjoni (ara a' fol 143 ħarġa tal-20 ta' Diċembru 2017 tal-Independent). Fil-ħarġa tal-istess gazzetta tal-21 ta' Diċembru 2021 anke tissemma' l-istanza fejn ir-rikorrent jingħad li bagħat sms lill-partner tiegħu "*Buy me wine my love*". Il-kwistjoni tat-top up issemmiet ukoll fil-Maltatoday b'ritratt ta' mobile phone simili għal dak li jingħad li ntuża (a` fol 174 sa 176).

**49.** Il-Qorti ma tistax tifhem kif dejjem jingħad li informazzjoni tidher fil-media ġejja minn sorsi fi ħdan il-Pulizija u qiesu ma ġara xejn. B'danakollu, tibqa' ma ssir ebda indaġini fi ħdan il-Korp tal-Pulizija biex jiġi identifikat min huwa responsabbli għal din il-perkolazzjoni irregolari ta' fatti qabel ma joħorġu formalment u b'mod regolari fid-dominju pubbliku. Dan huwa inaċċettabbli. Aktar u aktar meta jirriżulta li l-fatti kif rapportati qabel jiġu inizjati l-proċeduri, jirrisultaw li huma minnhom waqt is-smiegħ ta' dawk il-proċeduri.

**50.** Hija ħasra li hawn min ma jifhimx, li dawn ix-xorta ta' rapporti prematuri, jistgħu jipperikolaw kemm l-investigazzjonijiet u agħar minn hekk, il-proċeduri li jkunu għaddejjin quddiem dawn il-Qrati. Tajjeb jew ħażin dak li ntlaħaq inkiteb fil-media ma jistax jitreġġa' lura. Inqara u għad jista' jinqara. Indipendentement minn kull sfilz, ir-rix li nfirex mar-riħ qatt ma jista' jinġabar kollu lura. Dan qiegħed jingħad biss inkwantu jirrigwarda l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

**51.** Ġaladarba li kif diġa' ingħad, kull referenza li saret mill-Ispettur Keith Arnaud għal dawn l-interċettazzjonijiet ser tkun sfilzata ***"fil-partijiet indikati mir-rikorrent f'dawk il-proċeduri"***, għalkemm din il-Qorti tirriskontra l-ksur ta' artikolu 8 tad-drittijiet tar-rikorrent, mhux bil-fors ifisser li minħabba f'hekk hemm ukoll ksur ta' smiegħ xieraq taħt artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

**52.** Konsegwentement il-mistoqsija li tqum hi, jekk dan ifissirx ukoll li fiċ-ċirkostanzi hemm ukoll ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni fl-aspetti kollha tiegħu. Fil-każ tal-prinċipju tal-presunzjoni ta' innoċenza, dan huwa meqjus bħal parti integrali mill-prinċipju aktar wisgħa ta' smiegħ xieraq. Di fatti dan il-prinċipju hu mħares minn artikolu 6 stess. Fit-totalita' tiegħu, dan l-artikolu jipprovdi għal smiegħ xieraq fi Stat demokratiku li jsegwi s-sistema akkużatorja u ċioe' "*adversarial system*" (Ara **Sentenza tal-ECHR fl-ismijiet Barberà, Messegué and Jabardo v. Spain, § 77**).

**53.** Din il-posizzjoni hija ukoll minn dawn il-Qrati tant li Qorti Kostituzzjonali qalet f'dan ir-rigward li "*ladarba dina l-Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi gie lez id-dritt fundamentali ta' l-appellanti ghall-prezunjoni ta' l-innocenza taghhom garantit mill-Artikoli 39(5) tal-Kostituzzjoni u 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea, u in vista tal-principju stabbilit illi "… the presumption of innocence enshrined in Article 6(2) of the Convention is one of the elements of a fair criminal trial guaranteed by Article 6(1)", isegwi necessarajament illi gie lez ukoll id-dritt fundamentali ta' l-appellanti ghal "smiegh xieraq" garantit bl-Artikoli 39(1) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja".* (Ara **Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet Il-Pulizija -vs- Dr. Noel Arrigo LL.D. u Dr. Patrick Vella LL.D**).

**54.** F'dan ir-rigward il-Qorti tfakkar li artikolu 6 stess jesiġi li smiegħ xieraq sabiex jikwalifika bħala tali għandu dejjem jkun pubbliku. Il-pubbliċita' ta' proċeduri hi meħtieġa kemm fl-interess tal-pubbliku iżda ukoll

tal-imputat. Dan il-prinċipju jipproteġi lill-individwu minn proċeduri fil-magħluq mingħajr ma l-pubbliku jkun jista' jishar fuq dak li jkun għaddej. Huwa prinċipju li jiżra' sens ta' kunfidenza fost il-pubbliku fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja għaliex il-ġustizzja mhux biss trid issir imma **tidher** li qed issir. Ma tistax tidher li qed issir ġustizzja mingħajr l-element ta' pubbliċita'. Meta l-proċeduri penali jkunu viżibbli dan iwassal biex jintlaħqu l-oġġettivi elenkati f'artikolu 6 tal-Konvenzjoni (Ara **Sentenzi tal-ECHR fl-ismijiet Krestovskiy -vs- Russia** u **Sutter -vs- Switzerland**).

**55.** Għalhekk minħabba li l-istess dritt jinneċessita' il-pubbliċita' huwa evidenti li b'konsegwenza ta' dan, kull xorta ta' rapportaġġ huwa inevitabbli anzi neċessarju. Huwa mistenni li jkun hemm rapportaġġ għaliex l-iskrutinju tal-pubbliku huwa meħtieġ. B'dana kollu dan ma jfissirx li l-istampa tista' taqbeż il-limiti ta' dak li huwa aċċettabbli b'mod li ma tqies id-drittijiet tal-ħajja privata u l-presunzjoni ta' innoċenza tal-akkużat (ara **Sentenza tal-ECHC fl-ismijiet Bédat v. Switzerland**).

**56.** Il-problemi jibdew meta l-Awtoritajiet pubbliċi jagħmlu ċertu dikjarazzjonijiet li jistgħu ikunu noċivi għall-proċeduri li għad iridu jkunu jittieħdu, b'mod bħal meta jitfgħu dell ikrah fuq individwu li huwa suspettat meta għadu ma tressaqx formalment jew għalkemm tressaq ikun għadu fi stadju ta' proċeduri kumpilatorji u l-ġuri jkun għadu ma bediex. Iżda huwa ukoll radikalment ħażin meta l-istampa mal-fatti li jkunu saru magħrufa żżid kulur u kummenti żejda.

**57.** Il-Qorti rat sewwa dak li ġie esebit u rriskontrat numru ta' rapporti u frażijiet li setgħu ġew evitati:

"…..George Deiorgio, wiehed mit-tliet persuni akkużati bid-delitt, tefa' il-gebla fuq saqajh…." (ara a' fol 125 ).

"L-ispettur Arnaud qal li wara l-isplużjoni saru numru ta' telefonati mill-mobile ta' George Degiorgio li nstema ghid b'ton ironiku li qabad żewg huttiet kbar u meta mistoqsi x'huta hi dan wiegeb li imbaghad ghidilhom" (ara a' fol 128).

**58.** B'referenza għax-xhieda tal-uffiċjal intqal li "Huwa xehed li t-test tad-DNA wera li dan kien ta' Alfred Degiorgio li l-Pulizija qed tghid li kien hu li ta s-sinjal lil huh li kien fuq id-daghjsa biex jattiva *l-bomba* li kienet fil-karrozza tas-Sinjura Caruana Galizia." (a' fol 128).

"The same sources also claimed that the police have 'a very strong case' against the people charged with the murder'"(a' fol 138).

"La Republika reports that George Degiorgio realised he had no credit on the phone he used to send the SMS that triggered the device. Degiorgio, who was at the times on a cabin cruiser waiting, used another mobile phone to get a top-up" (a' fol 139. Sa dan il-mument ir-rikorrent kien għadu ma tressaqx il-Qorti).

"Investigators believe that the text message was sent by George Degiorgio, who topped up up his mobile credit card before sending the fatal sms." (a' fol 144).

"One of three men accused of murdering Daphne Caruana Galizia is thought to have listened to the explosion live after sending a text message which triggered the car bomb, a Court heard yesterday" (a' fol 144. Repetizzjoni tal-istess a' fol 147).

**59.** Ritratt tar-rikorrent jitbissem imdawwar f'ċirku u fl-isfond dgħajsa li ta' spiss issemmiet u taħt il-kliem "Amongst the intercepts calls are calls to a request for a top up voucher used in the bombing and others where George Degiorgio says that he 'caught two big fish today' and *asking his girlfriend to buy him wine to celebrate"* b'referenza ghal dak li xehed l-ispettur . Repetizzjoni ta' dan fl-istess artikolu (a' fol 182 u 183).

**60.** Ritratt tar-rikorrent ma' ko-akkużat. Ir-ritratt kjarament meħud mir-rekords kriminali tal-Pulizija bil-kliem "George Degiorgio K/A Ic-Ciniz of Marsa". Dan ir-ritratt ġie ippubblikat fil-kuntest ta' protest ġudizzjarju li għamel ir-rikorrent. (A' fol 200).

"Shortly after the bomb exploded, wiretapped phone calls with George feature him boasting the he 'caught two big fish today'"(a fol 221. Frażi li saret assoċjata mar-rikorrent). (A' fol 221).

**61.** Taħt ir-ritratt tar-rikorrent bejn iż-żewġ suspetti l-oħra ġie rapportat li "The top up is one of the most incriminating pieces of evidence in the police investigation, as investigators believe it links George Degiorgio to the crime. They testified that after detonating the bomb by sms, Degiorgio messaged his wife with words 'Buy me wine my love.'" (A' fol 222).

**62.** Dawn huma l-partijiet li l-Qorti ħasset li kellha tisselezzjona li fil-fehma tagħha huma l-aktar importanti u rilevanti għall-konsiderazzjoni tal-punt partikolari li qed tittratta. Il-Qorti tfakkar li kull referenza għall-interċettazzjonijiet ġiet sfilzata. Dan sar sabiex ikun aċċertat li jkun hemm smiegħ xieraq. Ħafna mis-siltiet fuq imsemmija frekwentement jagħmlu referenza għal dawn l-interċettazzjonijiet. Iżda minkejja dan l-isfilz laħqu intużaw aġġettivi li ma jistax ikun stabbilit jekk humiex minnhom, għaliex is-sors primarju ma hux u ma jistax ikun disponibbli.

**63.** F'dan l-istadju tajjeb li jingħad f'ġuri huma l-ġurati li jridu jiddeċiedu dwar il-fatt jekk ir-rejat seħħx. F'dan ir-rigward l-awturi jispjegaw hekk:

"*Publicity surrounding a criminal case, where the difference between 'suspected of' and 'guilty of' is not always taken in account,may constitute a threat to the right of fair and impartial trial, inparticular also when this publicity proceeds from the public authorities e.g. from the public prosecutor charged with the examination. The judge should duly take this risk into account when forming his opinion, this also in connection with presumption of innocence as guaranteed in the second paragraph. In*

*connection with markedly political background the said risk and necessity for the court to be on the alert against improper influences may even apply to a higher degree. In the Strasbourg cas-law it is assumed , however , that a professional judge will in general be very well aware of these external factors and will not readily allow himself to be influenced there by , while moreover on appeal the higher court , in this respect too, may correct the attitude of the lower court .Thus the Menten Case the Commission held that the great publicity and the utterance of hostile feelings in this case could not be avoided, but the Supreme Court had accurately ascertained on what testimony the lower Court had based their consideration.*

*In cases of trial by jury the risk of the jury being influenced by public opinion or by biased statements of witnesses or experts is more obvious. Here again, however, it will be difficult to prove this, the more so because a decision of the jury does not include a written statement of reasons. In its caselaw the Commission evidently assumes that if a verdict of a jury has been appealed from a court and the latter has not found any partiality, there is no longer any reason for the commission to review the jury's verdict in this respect, and that also during the proceedings, via its attitude and statements, may have a neutralizing effect on undue influences".* (Ara **P.Van Dijk - G.D.M. Van Hoof: Theory and Practice of the European Convention of Human Rights , Second Ed; pgs 336-337**).

**64.** Minn naħa l-oħra mhux kull ma jidher fl-istampa bil-fors jista' jitqies bħala li jikser art 6(2) sa fejn jikkonċerna l-prinċipju partikolari. Dan jingħad partikularment jekk dak li jkun stampat ma jkunx jirrifletti dak li jkun għaddej fil-proċeduri. Dan jista' jagħti lok għal defamazzjoni jew anke ksur ta' artikolu 8 iżda mhux tal-prinċipju in eżami u ċioe' dak tal-presunzjoni ta' innoċenza (Ara **Sentenza tal-ECHR fl-ismijiet Mityanin and Leonov -vs- Russia** ).

**65.** Il-Qorti qieset sewwa din il-vertenza partikolari. Il-parti l-kbira ta' dawn il-pubblikazzjonijiet għalkemm setgħu evitaw xi ftit mill-kulur ("….. 'boasting'…. 'celebrate'….. 'Tefa' l-gebla fuq saqajh'…) ma jistax jingħad li jammontaw fl-assjem tagħhom għall-kampanja pubbliċitarja virulenti. L-anqas it-turija kontinwa tar-ritratt tar-rikorrent ma jista' jikkawża xi preġudizzju. F'Soċjeta' demokratika huwa inevitabbli li jkun hemm ċertu kummenti, ġieli anke severi, li jidhru fl-istampa f'każijiet li jkunu ikkargati bl-interess pubbliku (ara Sentenzi tal-EHCR fl-ismijiet **Viorel Burzo vs- Romania** u **Akay v. Turkey**). Id-delitti huma liema huma, iżda partikolarment dawk ta' omiċidju u aktar u aktar ta' persuni pubbliċi ma jistgħux jitqegħdu f'bozza protettiva. Huwa inevitabbli li jqanqlu dibbattitu jaħraq fost il-pubbliku. Li kieku kull ma jidher fl-istampa, anke jekk sever, nikkonsidrawh li jikser il-prinċipju tal-presunzjoni ta' innoċenza, ikunu qegħdin niftħu bieb sabiex il-proċeduri ikunu manipulati mhux biss mill-kwartieri kollha tal-każ, bl-akkużat mhux eskluż. Mingħajr ma din il-Qorti qed tgħid li dan huwa f'dan il-każ, anzi teskludi għal kollox li hu, kieku min

ikun akkużat ikun jista' jagħmel manuvri billi jġiegħel li min jagħmel kampanja kontra tiegħu sabiex propju jkun jista' għid li qed jinkisirlu d-dritt ta' presunzjoni ta' innoċenza.

**66.** Minn naħa l-oħra l-prudenza u r-raġuni għandhom ukoll jiggwidaw lill-istampa. Din ma għandhiex taqbeż il-limiti tad-deċenza, għaliex tista' tirrendi lilha nnifisha passibbli mhux biss għall-libell iżda f'ċertu każijiet anke tkun il-kaġun ta' ksur kemm ta' artikolu 6 u wisq aktar 8 tal-Konvenzjoni. (Ara **Sentenza tal-ECHR fl-ismijiet Bédat -vs- Switzerland**).

**67.** Il-Qorti tippuntwalizza ukoll li s-sistema tagħna hija mibnija fuq sett ta' regoli u liġijiet li jibbenefikaw lil kull min huwa akkużat. Hija sistema tipika ta' dawk il-pajjiżi li adottaw sistema u proċeduri li ma humiex ta' tradizzjoni prosekutorja iżda akkużatorja. Anke l-istess sistema tal-ġuri hija ukoll magħmula minn saffef differenti ta' garanziji fosthom li l-ġudikanti tal-fatt (il-ġurija) huma gwidati mill-bidu sal-aħħar tal-ġuri minn ġudikant ittogat. L-imħallef togat huwa imħarreġ fil-prinċipji u għandu jkun immun għall-aħħar minn kull influwenzi esterni u jrid tul il-ġuri u partikolarment fl-indirizz lill-ġuri, iwissi sewwa x'inhuma dawk il-prinċipji legali li trid timxi fuqhom il-ġurija. Dawn il-Qrati jgħallmu li:

*"Twissijiet simili jsiru regolarment tul kull guri mill-Imhallef togat u jekk wiehed ghandu fiducja fis-sistema tal-guri w li l-gurati huma persuni t' intelligenza normali, ma hemmx ghaliex wiehed ghandu jiddubita li dawn it-*

*twissijiet tal-Imhallef ma jigux notati w osservati mill-gurati"* (Ara **Sentenza tal-Qorti Kriminali, per Imħallef Joe Galea Debono, Seduta ta l-14 ta' Settembru, 2004 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta -vs- John Attard**). Di piu' huwa interessanti dak li kien kiteb il-kompjant Profs Ġużeppe Mifsud Bonnici meta kien qiegħed jikkummenta dwar numru ta' Sentenzi kemm lokali u anke dawk Ewropej dwar l-istampa u l-prinċipju ta' presunzjoni ta' innoċenza:

"*If the public is so gullible as to believe whatever is said by a public authority which is not even a judicial authority, so be it. All the media could have joined in casting the accused as guilty but this, once again, although not commendable in any way, still does not amount to a breach of the presumption of innocence. as it is presumed at least juris tantum that an independent and impartial Court cannot be taken out of its path of dealing and conducting the trial in a fair and impartial manner*". (**GH.S.L on line Law Journal 2013**).

**68.** Għalhekk fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha fuq imsemmija ma tista' issib li kien hemm ksur f'ebda parti tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

***<u>Kostituzzjonalita' tal-Kap 319 tal-liġijiet ta' Malta.</u>***

**69.** Il-Qorti tirrikapitula l-ilment tar-rikorrent f'dan ir-rigward billi tikklassifikah f'żewġ ilmenti:

**70.** L-ewwel wieħed jirrigwarda dak li din il-liġi ma fiha ebda salvagwardja kontra abbuż da parti tal-intimati jew min minnhom, peress li b'ebda mod ma tissuġġetta l-aġir tal-intimati għall-iskrutinju ġudizzjarju minn qabel ma issir interċettazzjoni.

**71.** It-tieni wieħed jirrigwarda artikolu 18 tal-liġi inkwantu r-rikorrent jikkontendi li dan huwa lesiv tal-artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni. Dan jingħad li dan l-artikolu jeskludi kull rikors lejn il-Qrati biex jiġi determinat jekk tkunx saret interċettazzjoni illegali jew jekk kienx hemm mandat skond il-liġi sabiex isiru l-interċettazzjonijiet.

**72.** Il-Qorti eżaminat b'reqqa l-liġi inkwistjoni. Liġi li tipprovdi għall-ħolqien ta' żewġ krejaturi:- Il-Kap tas-Servizz, li huwa l-persuna li timplimenta din il-liġi u l-Kummissarju, il-persuna li tissorvelja u anke tiddeċiedi lmenti li jsirulu.

**73.** Dwar l-ewwel punt, il-Qorti tissolleva dan li ġej. Kif diġa' aċċennat aktar 'l fuq, jirrisulta li l-unika talba li waslet lill-konvenut Kap sabiex isiru interċettazzjonijiet fir-rigward tar-rikorrent kienet dik tal-20 ta' Frar 2017. B'konsegwenza ta' din it-talba xi jumejn wara ħareġ il-mandat. Jirrisulta ukoll li dak il-mandat kien fir-rigward ta' suspett ta' kummissjoni ta' rejati pero' żgur mhux dak tal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia. Dan mhux biss għaliex skada iżda għaliex fil-kronoloġija ta' kif ġraw l-affarijiet ma setax ikun. Kif seta' għamel hekk mingħajr ma kien hemm mandat kif titlob il-liġi, din il-Qorti ma tistax tifhem.

**74.** Sa fejn jirrigwarda -poteri tal-Kap tas-Servizzi Sigrieti u l-obbligi tiegħu, dawn huma regolati minn l-uniku paragrafu 3 tal-iskeda numru tnejn li hemm mal-liġi. Iġifieri lanqas fil-liġi nnifisha. Din l-iskeda hija relatata ma' artikolu 14(2) tal-liġi li jistabilixxi kif jinħatar il-Kumitat ta' Sigurta'. Artikolu 3 huwa taħt it-titolu ta' *Ksib ta' Informazzjoni* u jiddisponi dan li ġej:

"*3. (1) Jekk il-kap tas-Servizz ta' Sigurtà jintalab mill-Kumitat sabiex jiżvela xi informazzjoni, allura, dwar dik l-informazzjoni kollha jew parti minnha, huwa għandu jew –*

*(a) jara kif iwassalha lill-Kumitat ta' Sigurtà bla ħsara ta' u skont dawk l-arranġamenti li jiġu hekk approvati mill-Prim Ministru;*

*Jew*

*(b) jgħarraf lill-Kumitat li dik l-informazzjoni ma tkunx tista' tiġi żvelata jew -*

*(i) għaliex tkun informazzjoni sensittiva (kif imfissra fil-paragrafu din l-Iskeda) li, fil-fehma tiegħu, ma għandhiex tingħata skont l-inċiż (a) ta' qabel dan; jew (ii) għaliex il-Prim Ministru ikun stabbilixxa li dik l-informazzjoni ma għandhiex tiġi żvelata.*

*(2) Il-fatt li xi informazzjoni partikolari tkun informazzjoni sensittiva ma għandux iwaqqaf l-iżvelar tagħha skont l-inċiż (a) tas-sub-paragrafu (1) ta' dan il-paragrafu jekk il-kap tas-Servizz ta' Sigurtà iqis li ma jkunx hemm periklu jekk jiżvelaha.*

*(3) Dik l-informazzjoni li ma tkunx ġiet hekk żvelata lill-Kumitat ta' Sigurtà minħabba fir-raġuni speċifikata fis-subinċiż (i) tal-inċiż (b) tas-sub-*

*paragrafu (1) ta'dan il-paragrafu għandha tiġi żvelata lil dak il-Kumitat jekk il-Prim Ministru ikun tal-fehma li jkun fl-interess pubbliku li dan isir.*

*(4) Il-Prim Ministru ma għandu jiddetermina xejn skont is-subinċiż (ii) tal-inċiż(b) tas-sub-paragrafu (1) ta' dan il-paragrafu dwar dik l-informazzjoni fuq il-bażi tas-sigurtà nazzjonali biss u, bla ħsara għal dak, huwa ma għandux hekk jiddetermina kemm-il darba ma jkunx jidhirlu li l-informazzjoni tkun ta' natura li, li kieku kellhom jitolbuh iġibha quddiem Kumitat Magħżul tal-Kamra tad-Deputati,kien jikkonsidra li tkun ħaġa sew li ma jġibhiex.*

*(5) L-iżvelar ta' informazzjoni fil-Kumitat ta' Sigurtà skont id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan il-paragrafu għandu jitqies għall-għanijiet ta' dan l-Att bħala meħtieġ għat-twettiq sew tal-funzjonijiet tas-Servizz ta' Sigurtà."*

**75.** Il-Qorti tfakkar li l-liġi toħloq il-figura tal-Kummissjunarju propju bħal garanzija biex ma jsirux abbużi. Di fatti artikoli 12 u 13 jistabilixxu s-segwenti:

*"12.(3) (a) B'żieda mal-funzjonijiet lilu mogħtija bid-disposizzjonijiet sussegwenti ta' dan l-Att, il-Kummissjunarju għandu jistħarreġ il-mod kif il-Ministru jkun qed iwettaq is-setgħat li għandu bl-artikoli minn 6 sa 10.*

*(b) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu skont dan l-Att, il-Kummissjunarju għandu jaġixxi skont il-ġudizzju individwali tiegħu u ma jkun suġġett għad-*

*direzzjoni jew il-kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra u ma jkun sindakabbli minn ebda qorti."*

U

*"13.(1) Il-Kummissjunarju għandu wkoll jinvestiga ilmenti dwar is-Servizz ta' Sigurtà bil-mod speċifikat fl-Iskeda 1 li tinsabma' dan l-Att.*

*(2) Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjunarju skont l-Iskeda 1 li tinsab ma' dan l-Att ma għandhom ikunu appellabbli jew sindakabbli minn ebda qorti."*

**76.** B'dana kollu l-liġi ma jidhirx li tipprovdi l-għodda tajba biex tassisti lill-Kummissjunarju fil-qadi ta' dmirijietu. Jibda biex jingħad li l-uniku artikolu li jiddisponi dwar l-obbligi tiegħu b'ebda mod ma jobbligah li qabel jgħaddi informazzjoni għandu tal-inqas jikkonsulta tiegħu. Il-ħatra ta' Imħallef fil-kariga ta' Kummissjunarju hija propju meħtieġa biex ikun hemm persuna imħarrġa fil-liġi u allura taċċerta li din qed tkun imħarsa. Din il-Qorti ma tistax tara kif il-Kummissjunarju jista' jissorvelja lill-Ministru jekk ma jkunx jaf qabel x'inhu għaddej.

**77.** Il-liġi taħseb biss għal rimedji ex post facto. Il-Kummissjunarju bħal donnu jidħol fix-xena meta jsirlu ilment. Meta jista' jkun l-għasfur ikun tar. Fost oħrajn għandu jinvestiga jekk "*mandat ikunx inħareġ taħt l-artikolu 6 għar-rigward tal-proprjetàjew tal-komunikazzjonijiet relattivi".* Għaliex għandu jkun jaf wara u mhux qabel meta l-kwistjoni ta' esistenza ta' mandat hija konsiderazzjoni oġġettiva.

**78.** Li kieku l-liġi kienet tipprovdi għal dan ix-xorta ta' mekkaniżmu preventiv, dak li ġie anke ċensurat mill-Qorti tal-Appell inkonnessjoni mal-proċeduri odjerni u issa anke mill-Qorti tal-Appell Kriminali ma kienx jiġri.

**79.** Il-Qorti tifhem, li hemm każijiet fejn l-urġenza ta' każ titlob anqas burokrazija. Di fatti anke l-stess liġi f'artikolu 8 tipprovdi hekk:

*"(1) Mandat ma għandux jinħareġ jew jiġi mibdul ħlief –*

*(a) bil-miktub mill-Ministru;*

*Jew*

*(b)* f'każ urġent*i meta l-Ministru ikun espressament awtorizza l-ħruġ tiegħu jew li jsir tibdil fih u dikjarazzjoni ta' dak il-fatt tiġi reġistrata fuqu, bil-miktub minn uffiċjal anzjan*" (Emfażi ta' din il-Qorti).

**80.** L-urġenza għall-ħruġ ta' mandat ta' interċettazzjonijiet telefoniċi minħabba s-suspetti ta' min ikkommetta assassinju. L-urġenza hija biss aċċettata biex jinħareġ mandat ex-novo u mhux biex tintuża informazzjoni li tkun ittieħdet bis-saħħa ta' mandat preċedenti u li di piu' ma kellux x'jaqsam mal-materja taħt investigazzjoni.

**81.** Huwa minnu li kull min iħossu aggravat minn xi aġir tas-Servizz Sigriet jista' jekk irid iressaq ilment quddiem il-Kummissjunarju. Huwa minnu ukoll li l-Kummissjunarju għandu l-fakulta' li jikkumpensa u anke jordna l-qirda ta' materjal li jkun inġabar. Imma dan ma hu ta' ebda faraġ,

għaliex il-loġika ma għandhiex tkun ta' *"imbaghad wara naraw"*. Il-liġi ma għandhiex biss tipprovdi għar-rimedju minħabba xi nuqqas, iżda għandha l-ewwel u qabel kollox tipprevjeni li jsir il-ksur. Ħafna drabi ebda rimedju ma jkun biżżejjed biex jirripristina ksur tad-dritt fundamentali. L-istaus quo ante huwa impossibli jinkiseb.

**Il-Guides Lines tas-Sentenzi tal-ECHR** jispjegaw hekk*:*

*"In its case-law on secret measures of surveillance, the Court has developed the following minimum safeguards that should be set out in statute law in order to avoid abuses of power: the nature of the offences which may give rise to an interception order; a definition of the categories of people liable to have their telephones tapped; a limit on the duration of telephone tapping; the procedure to be followed for examining, using and storing the data obtained;* ***the precautions to be taken when communicating the data to other parties****; and the circumstances in which recordings may or must be erased or the tapes destroyed (see, inter alia, Huvig, cited above, p. 56, § 34; Amann, cited above, § 76; Valenzuela Contreras, cited above, pp. 1924-25, § 46; and Prado Bugallo v. Spain, no. 58496/00, § 30, 18 February 2003)."* (Emfażi tal-Qorti).

**82.** Minn eżami tal-ligi nostrana, din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li din hija nieqsa mill-elementi sottolinejati partikularment għall-mod kif tiġi kommunikata l-informazzjoni. Il-Każ li għandha quddiemha din il-Qorti

huwa klassiku. Mhux biss ma kienx hemm mandat iżda l-Kummissjunarju ma jidhirx li kien jaf x'qiegħed jiġri.

**83.** Din il-Qorti tat ħarsa lejn kif inhi s-sitwazzjoni taħt liġijiet oħrajn fosthom dik Ingliża u dik Ġermaniża. Il-liġi Ingliża li tirregola din is-sitwazzjoni hija Investigatory Powers Act 2016 li tagħmel referenza għall-poteri li għandu l-*Investigatory Commissioner*. Naħseb ikun f'waqtu li l-leġislatur jirrivampa sewwa din il-liġi partikulari.

**84.** Għaldaqstant anke fir-rigward ta' dan l-aspett, il-Qorti qed terġa' issib li kien hemm ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent kif imħares minn artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

**85.** Kwantu jirrigwarda l-ilment li artikolu 18 tal-Kap 391 jilledi ukoll l-artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni din il-Qorti tqis il-pronunzjament ta' dawn il-Qrati anke sa riċenti kif fuq spjegat. Aktar 'l fuq diġa' ġie rilevat li l-poter ta' dawn il-Qrati jibqa' intatt anke jekk liġi ordinarja teskludi l-ġurisdizzjoni tagħhom. Dan il-ħsieb għal darba oħra enunċjat minn dawn il-Qrati b'mod ċar u kristallin għall-aħħar meta qalu hekk:

*"Il-qorti tifhem illi l-prinċipju ewlieni li għandu jirregola din il-vertenza essenzjalment huwa illi fi stat ta' dritt ma hemm ebda setgħa pubblika li ma hijiex ġejja mil-liġi, illi kull setgħa pubblika għalhekk għandha tiġi eżerċitata kif tgħid u trid il-liġi, u illi l-organu li huwa fdat mill-Kostituzzjoni bil-ġurisdizzjoni biex jara jekk il-liġi tħarsitx – u jekk setgħa ġietx effettivament eżerċitata kif tgħid u trid il-liġi jew le – hija l-qorti. Il-kelma ta' uffiċjal pubbliku*

*li hu mexa kif trid il-liġi ma hijiex biżżejjed biex ixxejjen din il-ġurisdizzjoni tal-qorti u biex iċaħħad lill-individwu mill-jedd ta' aċċess għall-qorti – jedd garantit taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tadDrittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.*

*Għalhekk kull dispożizzjoni ta' liġi li tagħti setgħa pubblika għandha tinqara u tiftehemm fid-dawl ta' dan il-prinċipju kostituzzjonali u kull interpretazzjoni li tmur kontra dan il-prinċipju – fil-każ tallum, kull interpretazzjoni li żżomm lill-qorti milli tistħarrreġ dwar jekk il-Kap tas-Servizz tas-Sigurtà kellux mandat jew, għax ma kellux mandat, mexiex bi ksur tal-liġi – hija jew interpretazzjoni ħażina jew inkella interpretazzjoni tajba ta' liġi antikostituzzjonali.*

*Billi l-preżunzjoni hija illi l-leġislatur ma jgħaddix liġijiet li jiksru l-Kostituzzjoni,il-qrati ordinarji għandhom dejjem ifittxu li jagħtu lil-liġi ordinarja interpretazzjoni konformi mal-Kostituzzjoni u, meta dan ma jkunx possibbli, għandhom jagħmlu referenza lill-qorti ta' kompetenza kostituzzjonali".* (Ara **Sentenza ta' l-1 ta' Marzu, 2011 fl-ismijiet Avukat Ġenerali -vs- Kap tas-Servizz tas-Sigurtà tal-Prim Awla Qorti Ċivili per Imħallef Giannino Caruana Demajo.**)

**86.** Din il-Qorti hija tal-fehma li dan it-tagħlim huwa ukoll applikabbli għall-artikolu 18 tal-Kap 391 liġijiet ta' Malta. Li kieku ma kienx għall-esistenza ta' dawn is-sentenzi din il-Qorti kien ikollha għalfejn tikkonsidra

ukoll dan l-ilment. Għalhekk ma hux il-każ li l-ilment f'dan ir-rigward għandu jkun milqugħ.

***<u>Leġittimi Kontradditturi</u>***

**87.** Kwantu għall-konvenut Kap, ma hemm ebda dubbju li dan għandu interess dirett f'din il-Kawża u għalhekk għandu jwieġeb għat-talbiet rikorrenti.

**88.** Kwantu għall-konvenut Kummissarju, il-Qorti tagħmel referenza għal dak li xehed l-Ispettur Keith Arnaud. L-ewwel ma jgħid hu li s-Servizz tas-Sigurta' l-ewwel semmagħulu l-call u imbagħad talabhom kopja biex ikun jista' jsemmagħha lir-rikorrent waqt l-interrogatorju. Fil-fatt hekk għamel. (ara fol 249 tergo). Meta mistoqsi jekk indagax kienx hemm warrant hu wieġeb li ma kienx kompitu tiegħu jiċċekkja. Ma qagħadx jistaqsi jekk kienx hemm warrant anzi jgħid li nfurmawh li kien hemm warrant għalkemm lil din il-Qorti irrisultalha li ma kienx il-każ (ara a' fol 257). Fix-xhieda tiegħu l-Kummissarju tal-Pulizija kien qagħad idur mal-lewża. Jagħmilha ċara li l-uniku rapport li sar lis-Servizz tas-Sigurta' kien fl-20 ta' Frar 2017. Dan ifisser li l-kontrolli kellhom isiru mis-Servizz Sigriet u mhux mill-Kummissarju tal-Pulizija. Għalhekk il-Qorti ser tkun qegħdha tillibera lill-Kummissarju tal-Pulizija mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi r-rikors bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** rikorrenti limitatament li kien hemm ksur tad-dritt fundamentali tiegħu kif imħares minn artikolu 8 iżda ma ssibx ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u dan għar-raġunijiet fuq spjegati.

**Tilqa' t-tieni** talba u tiddikjara li l-Kap 391 tal-liġijiet ta' Malta jikser ukoll id-dritt fundamentali tar-rikorrent ta' artikolu 8 iżda mhux ta' artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

**Tilqa' t-tielet talba** u tillikwida somma ta' għaxart elef ewro (€10,000) bħala danni li għandhom jitħallsu mill-intimati Avukat tal-Istat u Kap tas-Servizzi tas-Sigurta' bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv.

Tillibera lill-Kummissarju tal-Pulizija mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Spejjes** ta' dawn il-proċeduri in kwantu dawk tar-rikorrent għall-intimati barra l-Kummissarju tal-Pulizija. Dawk tal-Kummissarju tal-Pulizija a' karigu tar-rikorrent. Dawk tal-intervenuti fil-kawża jibqgħu bla taxxa.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**